MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (KOMPETENZA KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2003

Rikors Numru. 38/2001/1

**Kenneth Brincat**

**vs**

**L-Avukat Generali u l-Onorevoli Prim Ministru u b'digriet tal-4 ta' Dicembru 2001 giet kjamata in kawza s-socjeta' Citadel Insurance p.l.c.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors tar-rikorrenti datat 23 ta' Novembru 2001 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-esponent huwa konvenut f'kawza quddiem it-Tribunal ghat-Talbiet iz-Zghar fl-ismijiet **"Citadel Insurance p.l.c. vs Kenneth Brincat"** (Avviz Numru 476/01 SI).

Illi l-esponent jirreferi ghall-**artikolu 4 sub-inciz (4) u (5) tal-Att** li jistabbilixxi t-Tribunal Ghat-Talbiet Zghar **(Kap.380 tal-Ligijiet ta' Malta)** li jipprovdi illi l-Gudikant tat-Tribunal huwa prekluz illi jidher quddiem l-istess Tribunal, kif ukoll ghall-fatt illi f'kaz illi l-kariga ta' gudikatur tkun vakanti jew xi gudikatur partikolari ma jistax jezercita l-funzjonijiet tieghu, il-President ta' Malta fuq parir tal-Prim Ministru jista' jahtar lil xi hadd iehor illi jkun kwalifikat illi jimla dan il-post vakanti ghal perjodu specifikat jew inkella ghal perjodu indefinit.

Illi in oltre, l-**artikolu 5 tal-Kapitolu 380** jipprovdi wkoll illi l-gudikanti jinhatru ghal zmien hames snin u meta jiskadi dan it-terminu huma ma jkunux eligibli sabiex jergghu jigu mahtura.

Illi l-esponent jirrileva illi l-**Kapitolu 380** bl-ebda mod ma jipprekludi lil xi gudikatur milli jkompli jipprattika il-professjoni legali tieghu u wisq anqas ma tipprekludi avukati ohra mill-istess ufficcju legali tal-gudikant milli jidhru quddiemu.

Illi l-esponent ihoss illi d-disposizzjonijiet hawn fuq indikati jmorru kontra d-dritt fundamentali tieghu kif garantiti kemm taht l-**artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta,** kif ukoll taht l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem**, li jipprovdu garanzija ghal kull individwu li kull Qorti jew Tribunal jiddetermina d-drittijiet u l-obbligi civili tieghu indipendentement u imparzjalment u ghad-dritt ta' kull individwu ghall-smiegh xieraq.

Illi l-esponent jaghmel riferenza wkoll ghal gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u in partikolari ghad-decizjoni ta' l-istess Qorti fil-kawza fl-ismijiet **"Ciraklar vs Turkija"**, fejn il-Qorti ddecidiet illi terminu ta' kariga fiss f'kaz ta' appuntamenti ta' gudikanti jikkostitwixxi tnaqqir tal-indipendenza ta' Qorti jew Tribunal.

Illi rigward il-lanjanza l-ohra tal-esponent, u cioe' dik dwar il-fatt illi membri tal-istess ufficcju legali tal-gudikant

m'humiex prekluzi milli jidhru quddiemu, huwa jirrileva illi fl-istess decizjoni hawn fuq citata, il-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem iddikjarat illi s-semplici fatt illi l-istess gudikant jew membri tal-ufficcju legali tieghu huma prekluzi milli jidhru quddiem it-Tribunal in kwistjoni ma hijiex garanzija sufficjenti ghall-imparzjalita` tat-Tribunal u f'tali kaz l-indipendenza u l-imparzjalilta tat-Tribunal tkun tiddipendi biss mill-gurament tal-hatra li fiha inifissa zgur ma' tikkostitwixix salvagwardja neccessarja.

Illi, fid-dawl ta' gurisprudenza Kostituzzjonali lokali u tal-Qorti Ewropeja, bir-rispett kollu l-esponent ihoss illi minhabba l-fatt illi (a) il-gudikant huwa sa certu punt gudikatur *"part-time"* u li jista' jibqa' jezercita l-professjoni legali tieghu liberalment, (b) il-gudikant m'ghandu l-ebda *'security of tenure'* fis-sens illi l-hatra tieghu hija biss definita ghal hames (5) snin, kif ukoll illi f'kaz illi xi post ta' gudikant issir vakanti, il-Ministru jista' jimla' dan il-vojt b'gudikant iehor ghal zmien stipulat jew indefinit, (c) il-fatt illi jista' facilment jkun hemm kunflitt ta' interess minhabba l-fatt illi m'hemm xejn fil-**Kap. 380** illi jipprekludi lill-avukati ta' l-istess ufficcju legali tal-gudikant milli jidhru quddiemu, it-Tribunal tat-Talbiet iz-Zghar hekk kif kostitwit skond il-ligi jikser u jmur kontra d-dritt fundamentali tal-esponent illi jkollu smiegh xieraq quddiem qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali hekk kif sancit mill-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Illi ghaldaqstant l-esponent talab li din l-Qorti:-

1. Tiddikjara illi l-**artikolu 4 u 5 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta** huwa anti-kostituzzjonali ghaliex jiksru w jmorru kontra d-disposizzjonijiet tal-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u kontra l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem**.

2. Tiehu dawk il-passi jew provvedimenti li jidhrilha xierqa w opportuni sabiex taghti u toffri rimedju lil esponent.

Rat ir-risposta tal-intimati datata 3 ta' Dicembru 2001 a fol.8 tal-process fejn ecceppew:-

1. Illi l-Prim Ministru m' huwiex il-legittimu kontradittur ghall-azzjoni fit-termini tal-**artikolu 181 B tal-Kap 12**.

2. Illi l-gudizzju m'huwiex integru stante illi s-socjeta Citadel Insurance p.l.c. illi hija l-kontroparti fil-proceduri quddiem it-Tribunal ghat-Talbiet Zghar m' hijiex parti f'dawn il-proceduri, liema proceduri jeffettwaw direttament id-drittijiet taghha.

3. Illi kwantu huwa bbazat fuq lanjanzi illi m'ghandhomx fondament fil-fatti tal-kaz li r-rikorrent ghandu quddiem it-Tribunal ghat-Talbiet Zghar ir-rikors promotur huwa ipotetiku u huwa ghalhekk karenti mir-rekwizit tal-interess guridiku attwali u dirett f'min jippromwovih u ghandu konsegwentement jigi michud. Illi dan huwa partikolarment rilevanti in kwantu ghall-lanjanza fis-sens illi ma hemm xejn x' jzomm Avukat mill-istess ditta ta' Avukati tal-gudikatur milli jidher quddiemu fit-Tribunal billi ma hemm xejn fis-sitwazzjoni tal-kawza li fiha huwa parti r-rikorrent li jipprezenta din l-apparenza, u rigward il-lanjanza bazata fuq il-poter tal-Ministru illi jimla vakanza f'xi kariga ta' gudikatur ghal zmien stipulat jew indefinit billi din is-sitwazzjoni ukoll ma tipprezentax ruhha f'din il-kawza. Illi ghalhekk it-tqanqil ta' dawn il-punti huwa partikolarment frivolu u vessatorju billi r-rikorrent qed jittratta sitwazzjoni mmaginarja u jgib dik is-sitwazzjoni immaginarja quddiem il-Qorti sabiex din tigi mistiedna biex *in concreto* tiddeciedi illi hemm ksur attwali ta' drittijiet fondamentali abbazi ta' ipotesi ivvintata.

4. Illi l-ilmenti dwar numru ta' kwistjonijiet li r-rikorrent jallega li jimpingu fuq l-imparzjalita` tat-Tribunal ghat-Talbiet Zghar huma ukoll infondati ghas-segwenti motivi:-

(a) In kwantu ghall-allegata nuqqas ta' imparzjalita` tal-gudikatur minhabba t-terminu fiss tal-kariga ghandu jinghad illi t-terminu fiss u mhux rinnovabbli huwa proprju intiz bhala garanzija ta' l-imparzjalita` tal-gudikatur. Fil-fatt anke skond l-**artikolu 23 (1) tal Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem,** l-Imhallfin tal-Qorti Ewropeja jinghataw hatra ghal perijodu definit ta' sitt (6) snin li huwa

ukoll rinnovabbli. Il-Qorti Ewropeja fil-fatt kemm-il darba affermat illi tribunali appuntati ghal terminu fiss jissoddisfaw il-htigijiet ta' indipendenza w imparzjalita` tal-**artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropeja**. (vide **“Ringeisen Judgement”** - 17 ta' Lulju 1972; **“Neumeister Judgement”** - 27 ta' Gunju 1968; **“De Wilde, Ooms and Versyp Judgement”** -18 ta' Gunju 1971.).

(b) In kwantu ghall-allegata nuqqas ta' imparzjalita` minhabba n-natura *"part-time"* tal-kariga tal-gudikatur l-esponenti jissottomettu li din l-allegazzjoni hija assolutament bla bazi peress illi ma tezisti l-ebda relazzjoni bejn iz-zmien li wiehed jiddedika ghall-funzjoni ta' gudikatur u l-imparzjalita` tieghu. F'dan ir-rigward ta' min jirrileva li skond l-**artikolu 4 (4) (b) tal-Kap 380** il-gudikaturi ma jistghux waqt li qed iservu f’tali kariga jesercitaw il-professjoni taghhom quddiem it-Tribunal.

5. Illi l-esponenti jirrilevaw illi s-sentenza tal-Qorti Ewropeja fl-ismijiet **"Ciraklar vs Turkey"** (24 ta' Settembru 1998) citata fir-rikors promotur ma taghmilx ghall-kaz u m' ghandha x' taqsam xejn ma din il-kawza stante illi dik is-sentenza kienet tittratta dwar sitwazzjoni *toto cielo* differenti li kienet tirrigwarda n-*"National Security Court"* fit-Turkija li kien jinkludi ufficjali regolari ta' l-Armata u membru tas-Servizz Legali tal-Militar.

6. Illi l-esponenti jissottomettu li l-imparzjalita` tat-Tribunal dwar Talbiet Zghar hija garantita mill-istess dispozizzjonijiet tal-Kap 380 illi kkostitwih u f’dan ir-rigward l-esponenti jaghmlu referenza ghas-segwenti:-

(i) Skond l-**artikolu 4 (4) (b)** il-gudikaturi huma prekluzi milli jipprattikaw bhala avukati quddiem it-Tribunal;

(ii) Skond l-**artikolu 4(5)** il-gudikaturi ma jistghux jigu riappuntati wara li jiskadi t-terminu tan-nomina taghhom;

(iii) Skond l-**artikolu 4 (6)** fl-esercizzju tal-funzjonijiet taghhom il-gudikaturi m' humiex soggetti ghall-kontroll jew direzzjoni ta' kwalsijasi persuna jew awtorita’;

(iv) Skond l-istess **artikolu 4 (6)** il-gudikaturi ma jistghux jitnehhew mill-kariga taghhom hlief kif provdut fl-**artikolu 97(2) tal-Kostituzzjoni** li jittrata dwar it-tnehhija mill-kariga ta' Imhallfin u Magistrati;

(v) Skond l-**artikolu 5 ir-regoli tal-Kap 12** dwar l-astensjoni u r-rikuza tal-Magistrati japplikaw *mutatis mutandis* ghall-gudikaturi u kwalunkwe Kodici ta' Etika applikabbli ghall-Magistrati japplika ukoll ghall-gudikaturi.

(vi) Skond l-**artikolu 17** l-ispejjez tal-amministrazzjoni tat-Tribunal u remunerazzjoni tal-gudikaturi jithallsu mill-Fond Konsolidat bhal fil-kaz ta' l-Imhallfin jew Magistrati.

Illi ghall-motivi suesposti l-esponenti jopponu t-talbiet tar-rikorrent.

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta’ Dicembru 2001 fejn Dr. Jose’ Herrera talab il-kjamata in kawza tas-socjeta’ Citadel Insurance p.l.c. Dr. Peter Grech m’opponix. Il-Qorti laqghet it-talba u ordnat il-kjamata in kawza tal-istess socjeta’ a spejjez provizorjament tar-rikorrenti. Id-difensuri tal-partijiet qablu li Dr Anthony Ellul li huwa l-gudikatur fil-kawza quddiem it-Tribunal imsemmi mhux assocjat ma’ l-ebda difensur tal-partijiet fl-istess kawza.

Rat ir-risposta ta’ Citadel Insurance p.l.c. datata 23 ta’ Jannar 2002 a fol.14 tal-process fejn irrispondiet:-

Illi s-socjeta' esponenti m'hijiex il-legittima kontraditrici ghat-talbiet rikorrenti u ghalhekk hija ghandha tigi liberata mill-osservanza ta' dan il-gudizzju filwaqt li ma ghandha tbati ebda spejjez;

Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet rikorrenti ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti, stante li l-ilmenti tieghu fir-rigward ta' kwistjonijiet li allegatament jimpingu fuq l-imparzjalita' tat-Tribunal huma infondati fil-fatt u fid-dittt ghar-ragunijiet hawn taht dedotti:

(a) In kwantu ghall-allegata nuqqas ta' imparzjalita' tal-gudikatur minhabba t-terminu fiss tal-kariga, ghandu jinghad illi t-terminu fiss u mhux rinovabbli huwa proprju intiz bhala garanzija ta' l-imparzjalita' tal-gudikatur. Fil-fatt anke skond l-Artikolu 23(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, l-Imhallfin tal-Qorti Ewropeja jinghataw hatra ghal perijodu defnit ta' sitt snin li huwa ukoll rinovabbli. Il-Qorti Ewropeja fit-fatt kemm il-darba affermat illi tribunali appuntati ghal terminu fiss jissoddisfaw il-htigijiet ta' indipendenza w imparzjalita' ta' l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja. (vide Ringeisen Judgement 17 ta' Lulju 1972, Neumeister Judgement 27 ta' Gunju 1968, De Wilde, Ooms and Versyp Judgement tat-18 ta' Gunju 1971);

(b) In kwantu ghall-allegat nuqqas ta' imparzjalita' minhabba n-natura "part-time" tal-kariga tal-gudikatur l-esponenti jissottometti illi din l-allegazzjoni hija assolutament bla bazi peress illi ma tezisti l-ebda relazzjoni bejn iz-zmien li wiehed jiddedika ghall-funzjoni ta' gudikatur u l-imparzjalita' tieghu. F’dan ir-rigward ta' min jirrileva li skond l-Artikolu 4(4) (b) tal-Kap 380 il-gudikaturi ma jistghux waqt li qed iservu f’tali kariga jesercitaw il-professjoni taghhom quddiem it-Tribunal;

(c) In kwantu ghall-lanjanza fis-sens illi ma hemm xejn x'izomm Avukat mill-istess ditta ta' Avukati tal-gudikatur milli jidher quddiemu fit-Tribunal huwa rilevat illi ma hemm xejn fis-sitwazzjoni tal-kawza quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar Citadel Insurance plc vs Kenneth Brincat (Avviz Numru 476/01 AE) li jipprezenta din l-apparenza u li ghalhekk it-tqanqil ta' dan il-punt *in casu* huwa partikolarment frivolu u vessatorju billi wiehed qed jittratta sitwazzjoni immaginarja. L-istess ghandu jinghad rigward il-lanjanza bazata fuq il-poter tal-Ministru illi jimla vakanza f’xi kariga ta' gudikatur ghal zmien stipulat jew indefinit - din is-sitwazzjoni ukoll ma tipprezentax ruhha f’din il-kawza;

(d) Illi s-socjeta' esponenti tirrileva illi s-sentenza tal-Qorti Ewropeja fl-ismijiet "Ciraklar vs Turkey" (24 ta' Settembru 1998) citata fir-rikors ma tapplikax ghal penendenza

odjerna u m'ghandha x'taqsam xejn ma' din il-kawza stante illi dik is-sentenza kienet tittratta sitwazzjoni kompletament differenti u cioe' kienet tittratta l-Qorti Nazzjonali tas-Sigurta' fit-Turkija, li kien jinkludi ufficjali regolari ta' l-Armata u membru tas-Servizz Legali tal-Militar;

(e) Illi s-socjeta' esponenti tissottometti illi l-imparzjalita' tat-Tribunal dwar Talbiet Zghar hija garantita mill-istess dispozizzjonijiet tal-Kap 380 illi kkostitwih u f'dan ir-rigward l-esponenti taghmel referenza partikolari ghas-segwenti:

(i) Skond l-Artikolu 4 (4) (b) il-gudikaturi huma prekluzi milli jipprattikaw bhala avukati quddiem it-Tribunal;

(ii) Skond l-Artikolu 4 (5) il-gudikaturi ma jistghux jigu riappuntati wara li jiskadi t-terminu tan-nomina taghhom;

(iii) Skond l-Artikolu 4 (6) fl-esercizzju tal-funzjonijiet taghhom il-gudikaturi m' humiex soggetti ghall-kontroll jew direzzjoni ta' kwalsiasi persuna jew awtorita',

(iv) Skond l-istess Artikolu 4 (6) il-gudikaturi ma jistghux jitnehhew mill-kariga taghhom hlief kif provdut fl-Artikolu 97(2) tal-Kostituzzjoni li jittrata dwar it-tnehhija mill-kariga ta' Imhallfin u Magistrati;

(v) Skond l-Artikolu 5 ir-regoli tal-Kap 12 dwar l-astensjoni u r-rikuza tal-Magistrati japplikaw *mutatis mutandis* ghall-gudikaturi u kwalunkwe Kodici ta' Etika applikabbli ghall-Magistrati japplika ukoll ghall-gudikaturi;

(vi) Skond l-Artikolu 17 l-ispejjez tal-amministrazzjoni tat-Tribunal u remunerazzjoni tal-gudikaturi jithallsu mill-Fond Konsolidat bhal fil-kaz ta' l-Imhallfin jew Magistrati.

Rat il-verbal tas-seduti tad-29 ta' Jannar 2002 fejn Dr. Jose' Herrera nforma lill-Qorti li dakinhar stess pprezenta nota ta' osservazzjonijiet. Il-Qorti ordnat in-notifika lid-difensur tal-kontroparti li kellhom erbghin (40) gurnata ghan-nota responsiva; u tal-20 ta' Marzu 2002 fejn Dr.

Peter Grech talab zmien biex jipprezenta nota. Il-Qorti laqghet it-talba u ppefiggiet terminu ta' erbghin (40) jum bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontroparti. Il-Qorti ordnat lir-rikorrenti biex jinnotifika n-nota ta' osservazzjonijiet taghhom lill-kjamata in kawza li jkollhom 40 jum ghan-nota responsiva; u tat-22 ta' Mejju 2002 fejn dehru Dr. Edward Zammit Lewis ghar-rikorrenti u Dr. Peter Grech ghall-intimati. Dr. Christopher Vella msejjah diversi drabi baqa' ma deherx. Id-difensuri rrimettew ruhhom ghan-noti. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta' Novembru 2002 u tas-7 ta' Jannar 2003 fejn il-kawza gie differita ghas-sentenza ghall-10 ta' Jannar 2003.

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

## II. MERTU TAR-RIKORS ODJERN

### (A) AZZJONI ODJERNA.

Illi r-rikorrenti huwa konvenut f'kawza quddiem it-Tribunal ghat-Talbiet Zghar fl-ismijiet **"Citadel Insurance p.l.c. vs Kenneth Brincat"** (Avviz. Nru 476/01/SI). Illi permezz tar-rikors odjern huwa qed jattakka **is-sub-artikoli (4) u (5) ta' l-artikolu 4 u l-artikolu 5 tal-Kap 380** li jistabbilixxi t-Tribunal ghat-Talbiet Zghar peress li qed issostni li dawn id-disposizzjonijiet imorru kontra d-dritt fundamentali tieghu kif garantit mill-**artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta**, kif ukoll taht l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem**, li jipprovdu garanzija ghal kull individwu li kull Qorti jew Tribunal jiddetermina d-drittijiet u l-obbligi civili tieghu indipendentement u imparzjalment u ghad-dritt ta' kull individwu ghal smiegh xieraq.

Illi l-**artikolu 4 (4)** jipprovdi fost ohrajn li matul iz-zmien tal-hatra tieghu quddiem l-istess tribunal l-istess gudikant ma jistax jezercita l-professjoni tieghu quddiem it-Tribunal

medessimu. Illi r-rikorrent irrileva pero' illi l-**Kap 380** bl-ebda mod ma jipprekludi lil xi gudikatur milli jkompli jipprattika l-professjoni legali tieghu u wisq anqas ma tipprekludi avukati ohra mill-istess ufficcju legali tal-gudikant milli jidhru quddiemu. F'dan ir-rigward ir-rikorrent irrefera ghall-kaz tal-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet **"Ciraklar vs Turkey"** (28 ta' Ottubru 1998) fejn il-Qorti ddikjarat illi s-semplici fatt illi l-istess gudikant jew membri tal-ufficcju legali tieghu huma prekluzi milli jidhru quddiem it-Tribunal in kwistjoni ma hijiex garanzija sufficjenti ghall-imparzjalita` tat-Tribunal u f'tali kaz l-indipendenza u l-imparzjalita` tat-tribunal tkun tiddependi biss mill-gurament tal-hatra li fiha nnifisha zgur ma tikkostitwixix salvagwardja necessarja.

Illi inoltre' huwa qed jattakka wkoll il-fatt illi f'kaz illi l-kariga ta' gudikatur tkun vakanti jew xi gudikatur partikolari ma jistax jezercita l-funzjonijiet tieghu, l-President ta' Malta fuq parir tal-Prim Ministru jista' jahtar lil xi hadd iehor illi jkun kwalifikat illi jimla dan il-post vakanti ghal perjodu specifikat jew inkella ghal perjodu ndefinit.

Illi r-rikorrent qed issostni li anki l-**artikolu 5 tal-Kap 380** imur kontra l-imsemmi dritt fundamentali tieghu in kwantu jipprovdi li l-gudikanti jinhatru ghal zmien hames (5) snin u meta jiskadi dan it-terminu huma ma jkunux eligibbli sabiex jergghu jigu mahtura. Illi biex jissostanzja dan irrifera ghall-kaz fuq imsemmi ta' **"Ciraklar vs Turkey"** fejn il-Qorti Ewropeja ddecidiet illi terminu ta' kariga fiss f'kaz ta' appuntamenti ta' gudikanti jikkostitwixxi tnaqqis tal-indipendenza ta' qorti jew tribunal.

Illi in sintezi r-rikorrent sostna li fid-dawl ta' gurisprudenza Kostituzzjonali lokali u tal-Qorti Ewropeja, minhabba l-fatt illi (a) il-gudikant huwa sa certu punt gudikatur *part-time* u li jista' jibqa' jezercita l-professjoni legali tieghu liberalment, (b) il-gudikant m'ghandu l-ebda *security of tenure* fis-sens illi l-hatra tieghu hija biss definita ghal hames (5) snin, kif ukoll illi f'kaz illi xi post ta' gudikant isir vakanti, il-Ministru jista' jimla dan il-vojt b'gudikant iehor ghal zmien stipulat jew indefinit, u (c) il-fatt illi jista' facilment ikun hemm kunflitt ta' nteress minhabba l-fatt illi

m'hemm xejn fil-**Kap 380** illi jipprekludi lill-avukati ta' l-istess ufficcju legali tal-gudikant milli jidhru quddiemu, t-Tribunal ghat-Talbiet Zghar hekk kif kostitwit skond il-ligi jikser u jmur kontra d-dritt fundamentali tieghu illi jkollu smiegh xieraq quddiem qorti jew tribunal indipendenti u mparzjali kif sancit mill- Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Konsegwentement, qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara **l-artikoli 4 u 5 tal-Kap 380** bhala anti-kostituzzjonali ghax jiksru d-disposizzjonijiet imsemmija; u li din il-Qorti tiehu dawk il-passi jew provvedimenti li jidhrilha xierqa w opportuni sabiex taghti u toffri rimedju lir-rikorrent.

Illi min-naha taghhom l-intimati fl-ewwel lok eccepew illi l-Prim Ministru mhux il-legittimu kontradittur ghall-azzjoni *ai termini* **tal-Artikolu 181B tal-Kap 12;** fit-tieni lok eccepew illi l-gudizzju mhux integru minhabba li s-socjeta' Citadel Insurance p.l.c. (kontroparti fil-proceduri quddiem it-Tribunal ghat-Talbiet Zghar) mhiex parti fil-proceduri li jaffetwaw direttament id-drittijiet taghha. Wkoll eccepew illi r-rikorrenti m'ghandux interess guridiku attwali u dirett. Dan partikolarment ghall-lanjanza li membri tal-istess ufficcju legali tal-gudikant jistghu jidhru quddiemu u fir-rigward tal-poter tal-Ministru illi jimla post vakanti ta' gudikatur ghal zmien stipulat jew indefinit. Dan qed jitratta biss sitwazzjoni immaginarja.

Illi rigward l-imparzjalita` tat-Tribunal ghat-Talbiet Zghar l-intimati jsostnu li l-motivi mressqa mir-rikorrenti huma nfondati:-

(i) Illi l-fatt li l-gudikatur ghandu terminu fiss tal-kariga mhux rinovabbli huwa ntiz bhala garanzija ta' l-imparzjalita` tieghu. Fil-fatt anke skond l-**artikolu 23 (1) tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem** l-Imhallfin tal-Qorti Ewropeja jinhatru ghal perjodu definit ta' sitt (6) snin li hu rinnovabbli. Illi b'riferenza ghall-kazijiet Ewropej (**"Ringeisen",** - 17 ta' Lulju 1972**; "Neumeister Judgement"** - 27 ta' Gunju 1968; **"De Wilde, Ooms and Versyp Judgement"** - 18 ta' Gunju 1971). Il-Qorti Ewropeja affermat illi tribunali appuntati ghal terminu fiss jissodisfaw l-**artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni.**

(ii) Illi l-fatt li l-kariga ta' gudikatur hi ta' natura *part-time* ma tezisti l-ebda relazzjoni bejn iz-zmien li wiehed jiddedika ghall-funzjoni ta' gudikatur u l-imparzjalita` tieghu. Hawnhekk saret referenza ghall-**artikolu 4 (4) (b)** li jipprovdi li l-gudikaturi ma jistghux waqt li qed iservu f'tali kariga jezercitaw il-professjoni taghhom quddiem it-Tribunal.

Illi l-intimati jsostnu wkoll fir-risposta taghhom illi s-sentenza tal-Qorti Ewropeja **"Ciraklar vs Turkey"** m'ghandha x'taqsam xejn mar-rikors odjern ghax kienet titratta sitwazzjoni kompletament differenti. Illi huma ssottomettew illi l-imparzjalita` tat-Tribunal ghat-Talbiet Zghar hi garantita mill-istess disposizzjonijiet tal-**Kap.380** li huma l-**artikoli 4 (4) (b); 4 (5); 4 (6); 5 u 17.**

Illi fir-risposta taghha l-kjamata in kawza Citadel Insurance p.l.c. sostniet fl-ewwel lok li m'hiex il-legittima kontradittrici ghat-talbiet rikorrenti u ghalhekk minghajr ma tbati spejjez ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju. Illi l-bqija tal-eccezzjonijiet fil-mertu huma identici ghal dak li eccepew l-intimati l-ohra.

## (B) NOTA TA' SOTTOMISSJONIJIET TAR-RIKORRENTI

Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu r-rikorrent elabora fuq dak li qed issostni fir-rikors promotorju w din il-Qorti sejra ghalhekk tirreferi ghal dawn l-argumenti mressqa minnu. Huwa beda bil-kwistjoni ta':-

**<u>(i) Gudikatur ‘*Part-time*’</u>**

Illi skond ir-rikorrent il-fatt li l-gudikant jista’ jibqa’ jipprattika l-professjoni tieghu tfisser illi se jkollu l-interessi professjonali tieghu illi jistghu b’xi mod joholqu divergenza mal-funzjoni tieghu bhala persuna li trid tiggudika. Inoltre’ l-**Kap 380** ma jippreskludix lill-membri fil-professjoni legali li jifformaw parti mill-istess ufficcju legali tieghu milli jidhru quddiemu, u jinghad li fil-prattika l-posizzjoni prezenti hija dik. Il-ligi tipprovdi biss illi l-gudikatur ma jistax jipprattika quddiem l-istess Tribunal.

Illi huwa rrefera ghall-kaz **“Findlay vs U.K.”** (25 ta’ Frar 97 – E.C.H.R.) fejn il-Qorti sostniet li l-aktar fatturi w aspetti importanti illi wiehed irid ihares ghal mod kif gie kostitwit it-Tribunal sabiex tkun garantita l-indipendenza tieghu huma:-

(a) Il-mod kif jigu appuntati il-membri tat-tribunal u t-terminu tal-kariga taghhom;

(b) L-ezistenza ta’ salvagwardji sabiex il-membri tal-istess Tribunal jigu mharsa minn pressjonijiet esterni illi jistghu jsiru fuqhom; u

(c) Il-kwistjoni jekk it-tribunal fid-dehra tieghu jidhirx illi huwa tribunal indipendenti u mparzjali (*vide* **“Pullar vs U.K.”** - 10 ta’ Gunju 1996).

Illi ghal dak li jirrigwarda l-imparzjalita` r-rikorrent irrefera ghad-decizjoni **“The Gautrin & Others vs France”** (20 ta’ Mejju 1998) fejn il-Qorti tenniet li sabiex wiehed jiddetermina jekk Tribunal hekk kif kostitwit hux imparzjali ghandu jaddotta zewg kriterji:-

(a) Irid jiddetermina l-konvinzjoni personali ta’ gudikatur partikolari f’kaz partikolari;

(b) Irid jaccerta jekk it-Tribunal illi jpoggi fih il-gudikatur joffrix dawk il-garanziji sufficjenti halli jigi eskluz kull dubbju legittimu f’dan ir-rigward.

Il-Qorti b’hekk tkun analizzat jekk il-biza’ tar-rikorrent kienitx wahda li oggettivament setghet tissussisti meta tara l-komposizzjoni tal-istess Tribunal.

Illi huwa semma’ wkoll il-kaz ta’ **“Ringeisen”** (1 ta’ Lulju 1971) fejn kien intqal is-segwenti:-

*“For the independence of the Court, it is required that it, can base its decisions on its own free opinion about facts and legal grounds, without any commitment to the parties and the public authorities and without its decision admitting of being charged by any other but an authority that is independent in the same sense.”*

Illi l-istess rikorrenti ssottometta li jekk *“gudikatur se jkun persuna illi tipprattika gewwa ‘law firm’ fejn din il-‘law firm’ ikollha ‘retainers’ minghand kumpaniji li eventwalment ghalkemm il-gudikatur ma jkunx direttament involut fihom xorta wahda se jkollok sitwazzjoni fejn dawn il-kumpaniji se jkollhom kawzi quddiem l-istess Tribunal ghall-gbir per ezempju ta’ krediti dovuti lilhom”.*

*“Il-Gudikatur illi huwa gudikatur ‘part-timer’ ikollu ntrojtu minghand dik il-law firm li jkun jipprattika maghha u fl-istess hin qieghed jopera bhala gudikatur. Ghalhekk il-gudikatur se jigi f’posizzjoni illi qieghed jithallas mill-‘law firm’ ghas-servizzi tieghu minn fondi illi jkunu mhallsa b’mod indirett minn dik il-kumpanija partikolari illi tkun tuza’ s-servizzi professjonali ta’ dik il-law firm partikolari.”*

Illi ghalhekk l-istess rikorrenti kkonkluda li konsegwentement, l-imparzjalita` ma tkunx tidher illi qeghda tigi garantita. Huwa semma wkoll il-kaz ta’ **“Ciraklar vs Turkey”** (28 ta’ Ottubru 1998) fejn il-Qorti Ewropeja ddecidiet illi n-*National Security Court* ta’ dak il-pajjiz mhux tribunal indipendenti u mparzjali ghax persuna li kienet tippresjedih kienet hi stess soggetta ghad-dixxiplina militari.

**(ii) *“Security of Tenure”*.**

Illi r-rikorrent qed jattakka wkoll l-**artikolu 5 tal-Kap 380.** L-argumentazzjoni tieghu hi li meta l-post ta’ gudikatur ikun vakanti l-Gvern tal-gurnata jista’ jahtar gudikatur ghal dak iz-zmien illi jidhirlu huwa, u b’hekk ikun qed innaqqar mill-indipendenza ta’ dan it-Tribunal ghax il-gudikatur jibqa’ jservi bhala tali sakemm il-Gvern jidhirlu li hu konvenjenti ghalih. Kwindi l-gudikatur m’ghandux *“security of tenure”* ghax jista’ jingieb f’posizzjoni illi jiddependi mill-Ministru tal-Gustizzja sabiex izomm il-posizzjoni tieghu. Illi skond kif gie dikjarat fis-sentenza **“Dott. Tonio Azzopardi vs. Onor. Prim Ministru *et*”** (Qorti Kost. – 14 ta’ Novembru 1992) hu principju bazilari f’kull sistema demokratika li l-ordinament guridiku m’ghandux ikun dipendenti fuq il-volonta’ tal-Esekuttiv imma fuq il-Legislattiv.

Illi f’dan l-imsemmi kaz kien hemm ukoll sitwazzjoni fejn il-kariga ta’ Mhallef tkun vakanti u l-possibilita’ li l-Esekuttiv ikollu l-poter illi jahtar Agenti Mhallfin ghall-perjodu ndefinit u mhux specifikat. Ir-rikorrent issottometta illi l-fatt illi l-Gvern jista’ jinnomina gudikatur ghall-perjodu mhux specifikat u ndefinit m’hix accettabbli ladarba l-Esekuttiv jista’ jaqbad u b’daqqa ta’ pinna jitterminalu l-kariga tieghu.

**(iii) It-tnehhija tal-Gudikatur.**

Illi r-rikorrent irrefera ghal dak li qal l-awtur ***Paul Sieghart*** f’ **“The International Law of Human Rights”** u cjoe’ li:-

*“The term independent comprises two elements, namely, the tribunals’ independence from the Executive and their independence from the parties. In **“Sutton vs Switzerland”**, EUCM observed that a judge’s independence does not necessarily entail that he should be appointed for life, or that he should be irremovable in law; that is he cannot be given other duties without his consent. But it is essential that he should enjoy certain stability, if only for a specific period, and that he should not be subject to any authority in the performance of his*

*duties as a Judge. In **"Zand vs Austria"** however, the Commission emphasized that the irremovability of Judges during their term of office, whether it be for a limited period or time or for life, is a necessary corollary of their independence and is thus included in the guarantees of H.E.R. 6(1)."*

Illi hu rrefera ghall-**artikolu 97(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta** dwar kif jitnehhew il-gudikaturi li jipprovdi fuq liema bazi Mhallef tal-Qrati Superjuri m'ghandux jitnehha mill-kariga tieghu hlief mill-President wara ndirizz mill-Kamra tad-Deputati li jkollu favur tieghu l-vot ta' mhux anqas minn zewg terzi (2/3) tal-membri taghha li jitlob ghal dik it-tnehhija minhabba nkapacita' ppruvata li jaqdi l-funzjonijiet tieghu (kemm ghal mard korporali jew mentali jew ghal xi raguni ohra) jew imgieba hazina ppruvata.

Illi pero' ghalkemm jidher li t-tnehhija hija l-istess bhal dik ta' Mhallef, in effetti mhux il-kaz. Dan ghaliex it-tnehhija tal-gudikatur qed tistrieh biss fuq *cross-reference* illi qed issir mill-**Kap 380 ghall-Kostituzzjoni**. Illi ligi li stabbilit it-tribunal mertu tal-kawza odjerna bhala ligi semplici tista' titnehha b'maggoranza semplici fil-Parlament mhux l-istess bhall-Kostituzzjoni u b'hekk is-sitwazzjoni tista' tinbidel skond kif jiddeciedi l-Gvern tal-gurnata ghax maggoranza semplici hi bizzejjed. Is-sitwazzjoni kienet tkun mod iehor li kieku meta saret il-ligi li tistabbilixxi t-Tribunal ghat-Talbiet Zghar saret emenda fil-Kostituzzjoni u gew inkluzi fl-istess **artikolu 97(2) tal-Kostituzzjoni** l-gudikaturi ta' dan it-Tribunal.

**<u>(iv) L-applikazzjoni tal-garanziji kostituzzjonali.</u>**

Illi l-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni** jipprovdi illi fil-kaz ta' obbligi civili jew estensjoni ta' drittijiet u obbligi civili, d-decizjoni dwarhom tista' tinghata mhux biss minn *"qorti"* imma anki minn awtorita' ohra gudikanti mwaqqfa b'ligi ghal dik id-decizjoni; filwaqt, li fil-kaz ta' akkuzi ta' reat kriminali s-smiegh xieraq ghandu jsir quddiem *"qorti"*. Huwa b'hekk sostna li t-terminu *"qorti"* u *"tribunal"* jew *"awtorita' ohra gudikanti"* m'humiex ekwiparabbli. Ghalhekk meta l-legislatur fil-kaz ta' obbligi civili jew

estensjoni ta’ drittijiet u obbligi civili juza’ t-terminu *“awtorita’ ohra gudikanti mwaqqfa b’ligi”* dan sar biex jestendi l-garanziji kostituzzjonali anki f’sitwazzjoni fejn ghandek tribunal. Il-Konvenzjoni ma taghmilx din id-distinzjoni. Illi r-rikorrent jissottometti b’hekk illi s-salvagwardji li l-Kostituzzjoni tipprovdi japplikaw ukoll ghat-tribunal mertu tar-rikors odjern. Inoltre’ ghamel referenza ghall-fatt li l-kompetenza li ghandu ta’ elf u hames mitt lira Maltija (Lm1,500) mhiex insinifikanti.

Illi in konkluzjoni hu sostna li l-lanjanzi tieghu huma attwali u mhux ipotetici, purament potenzjali jew akkademici.

**(C) NOTA TA’ OSSERVAZZJHONIJIET TAL-AVUKAT GENERALI**

Illi l-Avukat Generali jsostni li ghalkemm ir-rikorrent hu konvenut f’kaz quddiem it-tribunal hu mhux qed jilmenta mill-operat tat-tribunal fil-konfront tieghu izda *in abstracto* u b’hekk m’ghandux interess guridiku. Illi l-azzjonijiet dwar ksur ta’ dritt fundamentali jistghu jingiebu biss minn min ikun vittma, u ghamel referenza ghal decizjoni tal-Kummissjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem f’ **“Jeznoch vs Poland”** (19 ta’ Jannar 1998), u f’ **“Nikolova vs Bulgaria”** (27 ta’ Frar 1997) fejn il-Kummissjoni qalet li:-

*“…under Art.25 of the Convention the Commission may examine compaints only from persons claiming to be victims of a violation of one of the Convention provisions.”*

Illi dan il-principju japplika ghal kull min jaghmel rikors skond l-**artikolu 4 tal-Kap.319** jew skond l-**artikolu 46 tal-Kostituzzjoni.**

Illi l-Avukat Generali elenka l-artikoli relevanti tal-**Kap.380** u **tal-Kostituzzjoni** u tal-**Kodici ta’ l-Organizzazzjoni u Procedura Civili** u skond hu jirrizulta li d-dispozizzjonijiet tal-**Kap.380** huma jew identici jew simili hafna ghal dispozizzjonijiet li ilhom fil-ligi Maltija ghal zmien twil jew fil-**Kostituzzjoni** jew fil-**Kodici tal-Procedura**.

**(i) Gudikatur *‘part-time’*.**

Illi għall-argumenti mressqa mir-rikorrent l-intimat issostni li l-**Kap.380** ma jippermettix li gudikant li għandu nteress personali jew professjonali f'kaz jiddeciedih. Hawnhekk *si tratta* ta' applikazzjoni tal-ligi dwar ir-rikuzi u l-astensjonijiet għall-fatti partikolari tal-kaz li jkun. Hu għamel referenza għall-**artikolu 734 tal-Kap.12** li jipprovdi illi Mhallef jista' wkoll jigi rikuzat jekk ic-cirkostanzi tiegħu in relazzjoni ma' xi waħda mill-partijiet tkun tagħti lok għal suspett li hu għandu nteress dirett jew indirett fil-kawza; u saret ukoll referenza għas-**sub-artikoli (e) u (g)**. Dan l-artikolu hu applikabbli għat-Tribunal tat-Talbiet Zgħar permezz tal-**artikolu 5 tal-Kap.380.**

Illi l-intimat għamel referenza għall-gurisprudenza Ingliza u dik ta' Strasbourg. Interessanti hu l-kaz citat **"Bank of Credit & Commerce Int. SA Claimant (In compulsory liquidation)** u **"Munwar Ali Defendants & other former employees of BCCI"** [High Court of Justice {Chancery Division} tat-3 ta' Dicembru 2001] fejn dik il-Qorti kkonkludiet:-

*"When the Strasbourg jurisprudence is taken into account, we believe that a modest adjustment of the test in* ***Gough*** *is called for, which makes it plain that it is, in effect, no different from the test applied in most of the Commonwealth and in Scotland. The Court must first ascertain all the circumstances which have a bearing on the suggestion that the Judge was biased. It must then ask whether those circumstances would lead a fair-minded and informed observer to conclude that there was a real possibility, or a real danger, the two being the same, that the tribunal was biased."*

Illi ladarba jirrizulta li biex jigi deciz jekk kawza ircevietx smiegħ imparzjali trid tigi deciza b'referenza għall-fatti partikolari ta' kaz specifiku u mhux *in abstracto,* l-lanjanza dwar il-membru tal-istess ufficcju legali tal-gudikant jistgħu jidhru quddiemu ma tistax tigi diskussa għax fil-kaz odjern m'hemmx apparenza ta' tali sitwazzjoni. Illi s-sitwazzjoni kienet tkun differenti kieku gara hekk fil-kawza tar-rikorrent u l-gudikatur irrifjuta li jastjeni u hemm kien ikollu

dritt ghall-appell fuq punt ta’ ligi. Kwindi *“in ogni caso”* hemm ukoll rimedju ordinarju ghal dak li qed jilmenta minnu r-rikorrent.

Illi l-intimat ikkwota estensivament minn sentenza Skocciza fl-ismijiet **“Paul Clancy vs Robin Dempsey Caird” [2000]** (ScotCS 96 (4 ta’ April 2000) fejn kien hemm kwistjoni ta’ *“temporary judges”* nominati u l-Qorti qalet:-

*“If, however, a judge finds himself in a position where he considers that there is a possible conflict of interest it is his duty to disclose that possible conflict to the parties in the case and to propone declinature. Obviously this depends on the integrity of the particular judge in making the necessary disclosure. Where, however, there is no reason to doubt the personal integrity of the particular judge, in my view there is no reason not to place reliance on that integrity to make the necessary disclosure. This is not a problem which is confined to temporary judges. Permanent judges also may find themselves in a position where they feel it necessary to make disclosure of some factor which might be regarded as being a possible influence on their decision, but it has never been suggested that reliance on the personal integrity of permanent judges in some way incapacities the permanent judge from being regarded as impartial. In* ***Lippe****, where the court took the view that the occupation of practising law gives rise to a reasonable apprehension of bias in a substantial number of cases and is therefore, per se, incompatible with the functions of a sufficient guarantee to safeguard against any risk of bias. In particular, reliance was placed on the Code of Ethics for Municipal Judges of Quebec. This code provided inter alia that the judge should be, and be seen to be, impartial and objective. There was also a code of civil procedure which provided that a judge may be recused if he is related to a party, is himself involved in an action involving a question similar to the one in dispute, if he has given advice on the matter in dispute, if he is directly interested in an action pending before a court in which any of the parties will be called to sit as a judge and if he has any interest in*

*favouring any of the parties. Because of these safeguards, which were backed by a procedure to hear complaints which could eventually result in the judge's removal, the court was satisfied that there was no real risk of bias. What is to be noted, however, is that, in the code of ethics in particular, the safeguards are of a fairly general nature and, cause him to act in what would be regarded as an unethical manner. Similarly, in relation to the code of practice it would be for the judge to disclose that he was in a position where he ought to be recused. It appears to me that the provisions of the code of ethics and the code of practice differ little from the rules at common law in Scotland relating to declinature. In my opinion, therefore, the judicial oath, taken together with the rules relating to declinature which form an integral part of the common law, provide an adequate safeguard against what is, at best, a somewhat hypothetical and speculative risk."*

Illi l-intimat issostni li kif qal precedentement il-ligi u t-tradizzjoni legali Maltija jinkorporaw is-salvagwardji kollha ta' l-imparzjalita`. Inoltre' rrefera ghall-Kodici ta' Etika ghall-Gudikanti.

**<u>(ii) "Security of tenure"</u>**

Illi b'riferenza ghall-**artikolu 4(5) tal-Kap.380** dan huwa prattikament kopja tal-**artikolu 98 tal-Kostituzzjoni** dwar il-possibilita' ta' hatra ta' Agenti Mhallfin u anke ta' Agent Prim Imhallef. Dawn l-artikoli huma mmirati lejn il-kontinwazzjoni tas-servizz gudizzjarju meta tali kariga tkun sfat battala u b'hekk dawn l-artikoli jikkontemplaw sitwazzjoni straordinarja u mhux sitwazzjoni permanenti. *Di piu'*, min jahtar Agent Imhallef jew Agent Gudikatur ghandu wkoll il-fakolta' illi jahtru ghal terminu fiss.

Illi fil-kaz ta' **"Dr. Tonio Azzopardi vs Onor. Prim Ministru"** il-kwistjoni kienet dwar jekk il-Gvern setax jahtar Agenti Mhallfin f'sitwazzjoni fejn ma kien hemm ebda Mhallef illi telaq jew irtira izda biss biex il-Gvern izid in-numru ta' Mhallfin fil-Qorti tal-Appell temporanjament sakemm jinqata' certu *'backlog'* ta' kawzi.

Illi l-Avukat Generali kkwota mis-sentenza fuq imsemmija ta' **"Paul Clancy vs Robin Dempsey Caird"** fejn l-argument migjub kien is-segwenti:-

*"His contention was that a temporary judge could not be regarded by an impartial observer as being independent and impartial because of a lack of security of tenure, the fact that he was beholden to the Executive, both for the continuation of his commission during its currency and the possibility of re-appointment, that he has no financial security and that his continuation at the bar might present conflicts of interest".*

Illi dan kollu hu simili ghall-lanjanzi tar-rikorrent. Il-Qorti tal-Appell iddecidiet illi ma kien hemm l-ebda vjolazzjoni tal-Konvenzjoni. Il-Qorti tal-Appell tenniet:-

*"The most basic requirement for independence is security of tenure such as to provide a guarantee against any interference with the judge's function from any outside source and in particular from the Executive. The obvious and ideal way to ensure such security is for every judicial appointment to be permanent and full-time with tenure "ad vitam aut culpam".*

Illi anki l-Imhallfin fl-E.C.H.R. huma appuntati ghal terminu fiss bejn tlett (3) u disa' (9) snin. Il-Qorti tenniet li:-

*"Accordingly, it appears to me clear that there can be no objection 'per se' to the appointment of judges for a fixed term, provided that during that period there is security of tenure which guarantees against interference by the Executive in a discretionary or arbitrary manner."*

Illi hu rrefera wkoll ghall-**artikolu 4 (6) tal-Kap 380** kif ukoll ghall-**artikolu 101A (13) tal-Kostituzzjoni**. Inoltre' rrileva illi t-tqassim tax-xoghol fit-Tribunal Ghat-Talbiet Zghar isir mir-Registru tal-Qrati tal-Magistrati abbazi ta' l-istess kriterji wzati dwar it-tqassim tal-kawzi civili bejn il-Magistrati.

**(iii) It-tnehhija tal-gudikatur.**

Illi l-intimat ittratta din il-kwistjoni ma' dik ta' *security of tenure.* Hu kompla zied li l-argument li l-**Kap 380** jista' jigi emendat jew revokat b'maggoranza semplici fil-Parlament hu wiehed fjakk. Illi dak li l-**Konvenzjoni Ewropeja** dwar il-Qrati u t-Tribunali illi jiddeterminaw drittijiet jew obbligi civili hu illi dawn ikunu *"established by law".* M'hemm l-ebda obbligu li l-ligi ma tkunx emendabbli jew tkun emendabbli biss b'xi maggoranza kwalifikata.

**(iv) L-applikazzjoni tal-garanziji kostituzzjonali.**

Illi hu bl-ebda mod ma jargumenta illi awtorita' gudikanti u tribunali mwaqqfa b'ligi m'ghandhomx ikunu indipendenti u mparzjali. Illi pero' ma jaqbilx ma' l-implikazzjoni illi kazijiet dwar drittijiet jew obbligi civili ghandhom jigu decizi biss minn xi Mhallef jew Magistrat. Il-Kostituzzjoni mkien ma timplikah u li kieku ma kienx jaghmel sens illi fl-**artikolu 39 (2)** hemm referenza ghall-*"qorti"* kif ukoll ghall-*"awtorita' gudikanti ohra mwaqqfa b'ligi"*.

Illi hu kompla li jekk wiehed ihares lejn il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja hemm numru ta' decizjonijiet fejn ir-rekwiziti tal-independenza u mparzjalita' tal-awtoritajiet gudikanti mwaqqfa b'ligi gew ben definiti u dan ir-rekwizit li jimplika r-rikorrent mhux imsemmi anzi gie deciz illi t-tribunali mhux bilfors iridu jkunu parti mis-sistema gudizzjarju ordinarju tal-pajjiz (*vide* **"De Wilde, Ooms & Versyp Judgement"** – 18 ta' Gunju 1971; u **"Le Compte, Van Leuven & Meyere Judgement"** 23 ta' Gunju 1981).

Illi l-intimat imbaghad irrefera ghal diversi kazijiet li nqatghu mill-Qorti Ewropeja li fasslu l-principji dwar id-dritt ghal tribunal indipendenti u mparzjali li din il-Qorti se tirreferi ghal bicciet minnhom aktar 'il quddiem u b'hekk ghal skans ta' ripetizzjoni mhux se tirreferi ghalihom f'dan l-istadju.

**(D) NOTA RESPONSIVA TAL-KJAMAT FIL-KAWZA.**

Illi s-socjeta’ tirrabidixxi illi hi ma hijiex il-legittima kontradittrici ghall-lanjanzi mressqa mir-rikorrent fil-procedura odjerna u rreferiet ghar-risposta taghha ghar-rikors promotur u dan apparti l-fatt li l-allegazzjonijiet imsemmija mir-rikorrenti ma jidhirx li jissussistu fil-kaz in ezami fejn huwa involut l-istess kjamat fil-kawza fil-proceduri quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar.

## III. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) L-Ewwel Eccezzjoni tal-Intimati .

Illi l-intimati eccepew fl-ewwel lok li l-Prim Ministru mhux il-legittimu kontradittur ghall-azzjoni fit-termini tal-**artikolu 181B tal-Kap.12.**

Illi dan l-artikolu juri li huwa proprju l-Avukat Generali l-legittimu kontradittur. A skans ta’ ripetizzjoni, il-Qorti taghmel riferenza ghal dik il-gurisprudenza u tirreferi wkoll ghas-**subartikolu (2) ta’ l-artikolu 181 B** li jipprovdi:

*“L-Avukat Generali jirrapprezenta lill-Gvern f’dawk l-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-ohra tal-Gvern.”*

Illi fuq l-iskorta ta’ dik il-gurisprudenza u dak li gie ritenut fis-sentenza **“Onorevoli Imhallef Dottor Anton Depasquale vs Avukat Generali”** (Q.K. 19 ta’ Settembru 1991) *“a tenur ta’ l-imsemmi subartikolu, huwa proprju l-Avukat Generali l-legittimu kontradittur fil-proceduri odjerni”*.

Illi kif inghad fis-sentenza **“Raymond Gauci vs Il-Pulizija et”** (P.A. (S.K) (RCP) *“ma hemm l-ebda dubju li l-iskop tal-emenda li saret f’dan l-artikolu imsemmi permezz tal-**Att XXIV tal-1995** kienet intiza sabiex wiehed jiffacilita’ r-rikors lejn il-Qrati f’kull kawza inkluzi f’kazi ta’ allegazzjonijiet ta’ ksur ta’ drittijiet fundamentali, u dan anke sabiex jigu evitati tragitti interminabbli dwar il-kwistjonijiet ta’ min huwa legittimu kontradittur f’kawza*

*kostituzzjonali, li sfortunatament il-Qorti kienet inondata bihom qabel l-imsemmija emenda, li hafna drabi u wisq izjed minn desiderabbli, wasslu biex azzjoni kostituzzjonali giet terminata fuq punti ta' procedura, minghajr ma l-Qorti ezaminat il-bazi tal-problema kostituzzjonali mqajjma, u dan kif jirrizulta fis-sentenzi **"Lucien Stafrace vs Agent Registratur tal-Qorti"** (Q.K. 9 ta' Novembru 1988); **"Onor. Lino Debono vs Magistrat Dr. Michael Mallia"** (Q.K. 19 ta' Frar 1990); **"Rita Portelli vs Ministru tal-Gustizzja u Affarijiet Parlamentari et"** (Q.K. 22 ta' Lulju 1985) **"Angelo Vella vs L-Onor. Prim Ministru"** (Q.K. 18 ta' Lulju 1990**); "Carmelo sive Charles Buttigieg vs Albert Mizzi bhala Chairman nomine"** (Q.K. 9 ta' Ottubru 1989); **"Carmelo sive Charles Delia vs Ir-Registratur tal-Qrati nomine"** (Q. K. 25 ta' April 1990); **"Edwin Bartolo et vs Agent Registratur tal-Qrati nomine"** (Q.K. 15 ta' Frar 1991); **"Tonio Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et"** (Q.K. 5 ta' April 1991) fost ohrajn."*

*"Illi dan fl-umili opinjoni ta' din il-Qorti, kien qed iwassal ghall dewmien sostanzjali fid-determinazzjoni tal-kwistjoni kostituzzjonali, tant li fis-sentenza **"Chetenram Sharma** **et** **vs Avukat Generali"** (Q.K. 6 ta' Gunju 1989) l-istess Qorti Kostituzzjonali proponiet it-test li sabiex wiehed jiddeciedi min ikun azzjonabbli ghall-allegat ksur tad-drittijiet fundamentali huwa dak li jiddetermina liema hija dik il-persuna li trid tkun citata sabiex tkun tista' taghti jew tipprovdi rimedju ghall-istess allegata vjolazzjoni, u din ma kienitx kwistjoni ta' nullita' ta' proceduri, izda ai fin dei conti dmir tal-Qorti li "fid-diskrezzjoni wiesgha moghtija lilha taghti rimedju opportun, b'dawk il-mezzi proceduri disponibbli u minghajr ma tilledi d-dritt ta' haddiehor*".

*"Illi dan il-moviment gdid fil-gurisprudenza nostrali, f'dak li din il-Qorti thoss li kien attentat serju sabiex jigi eliminat formalissimu esegerat, (bla pregudizzju ghall-kwistjonijiet ta' mertu) fil-perspettiva ta' rikorsi kostituzzjonali, gie kkonfermat fis-sentenza **"Joseph Abela vs Onor. Prim Ministru"** (Q.K. 7 ta' Dicembru 1990) fejn gew identifikati l-legittimi kontradittturi f'tali proceduri u cjoe`:-*

*"(i) L-ewwel kategorija tikkomprendi dak li huwa allegat li huma direttament jew indirettament, responsabbli, ghall-kummissjoni jew ommissjoni, ta' xi fatt li jikser xi dritt fundamentali protett mill-ligi;*

*(ii) Fit-tieni kategorija huma dawk li ghall-omissjonijiet jew kummissjonijiet tal-persuni tal-ewwel kategorija jistghu jkun responsabbli biex jaghtu jew jiffornixxu r-rimedji li s-sentenza, li takkolji l-lament tal-ksur ta' dritt fundamentali, tissanzjona;*

*(iii) Fit-tielet kategorija mbaghad hemm dawk il-partijiet kollha li jkunu in kawza, meta l-kwistjoni kostituzzjonali tinqala' fuq jew waqt xi proceduri gudizzjarji".*

*"Illi dawn il-principji gew segwieti f'numru ta' kawzi fosthom* ***"Edwin Bartolo vs Agent Registratur tal-Qorti nomine et"*** *(Q.K. 15 ta' Frar 1991);* ***"Onor. Lorry Sant vs Kummissarju tal-Pulizija" (****Q.K. 2 ta' April 1990****);*** ***"Paul Debono vs L-Agent Prim Ministru"*** *(Q.K. 7 ta' Dicembru 1990) u* ***"Major Philip Manduca vs Prim Ministru"*** *(Q.K. 23 ta' Jannar 1995) fost ohrajn".*

*"Illi permezz ta' din l-emenda odjerna l-posizzjoni llum giet kristalizzata, b'dan li llum wiehed jaf abbazi tal-****artikolu 181B tal-Kap 12****, il-persuna li trid tigi imharka sabiex tirraprezenta lill-Awtoritajiet governattivi, pero' dan ma jfissirx, fl-opinjoni tal-Qorti, li t-test provdut fil-kawza fuq citata ta'* ***"Joseph Abela vs il-Prim Ministru"*** *gie ghal kollox eleminat u dan peress li meta l-allegazzjoni ta' ksur ta' wiehed mid-drittijiet fundamentali tal-bniedem tqum minn jew fuq proceduri li jkunu pendenti bejn il-partijiet, dawk il-partijiet ghandhom jifformaw parti mill-istess gudizzju, kemm ghaliex dawn ghandhom certament interess fl-istess proceduri u wkoll ghall-integrita' tal-gudizzju, u fil-fatt ma hemm xejn fl-artikolu citat li jimmilita kontra dan."*

Illi f'dan l-isfond wiehed jasal biex jikkunsidra l-ilmenti tal-intimati f'din il-kawza fejn ma hemm l-ebda dubju li r-rikors odjern jiskaturixxu minn proceduri quddiem it-Tribunal Ghas-Smiegh ta' Talbiet Zghar, u allura fl-isfond ta' dak li

inghad iktar il-fuq, dan ma jgibx per konsegwenza li huwa l-Avukat Generali biss li huwa l-legittimu kontradittur fil-kawza odjerna, izda wkoll l-parti li hija involuta f'dik il-kawza quddiem l-istess Tribunal u dan ukoll ghall-integrita' tal-gudizzju.

Illi ghalhekk dan l-artikolu jipprovdi ghall-rapprezentanza gudizzjarja tal-Gvern f'kawzi li fihom hemm involut il-Gvern. Illi fis-**sub-artikolu (2)** hemm provdut illi l-Avukat Generali jirrapprezenta lill-Gvern f'dawk l-atti w azzjonijiet gudizzjarji minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kazijiet tad-dipartimenti l-ohra tal-Gvern u ghalhekk abbazi ta' dak premess jidher li l-Prim Ministru ma huwiex il-legittimu kontradittur, meta l-kjamat fil-kawza ghandu jigi kkunsidrat bhala parti minn din il-procedura u ghalhekk l-ewwel eccezzjoni tal-kjamat in kawza ghandha tigi michuda, mentri l-ewwel eccezzjoni tal-intimati ghandha tigi milqugha *stante* li l-Prim Ministru ma huwiex il-Legittmu kontradittur.

**<u>(ii) It-Tieni Eccezzjoni tal-Intimati.</u>**

Illi din l-eccezzjoni giet sorvolata bil-kjamata in kawza tas-socjeta' Citadel Insurance p.l.c. permezz tad-digriet li nghata fl-4 ta' Dicembru 2001 u ghalhekk din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess.

**<u>(iii) It-Tielet Eccezzjoni.</u>**

Illi l-Avukat Generali eccepixxa illi r-rikors billi hu bazat fuq lanjanzi illi m'ghandhomx fondament fil-fatti tal-kaz li r-rikorrent ghandu quddiem it-Tribunal ghat-Talbiet Zghar hu ipotetiku u b'hekk karenti mir-rekwizit tal-interess guridiku attwali u dirett f'min jippromwovih.

Illi dan hu partikolarment relevanti in kwantu ghall-lanjanza tar-rikorrenti li m'hemm xejn xi jzomm avukat mill-istess ufficcju legali tal-gudikatur milli jidher quddiemu u dan billi *'ex admissis'* mhiex is-sitwazzjoni fil-kaz tar-rikorrent; illi l-istess sitwazzjoni tipprezenta ruhha f'allegazzjoni tar-rikorrenti li jghid li fejn il-Ministru jrid juza'

l-poter biex jimla vakanza f'xi kariga ta' gudikatur ghal zmien stipulat jew indefinit, ghax dan ma huwiex il-kaz odjern lanqas.

Illi f'dawn iz-zewg lamenti msemmija jidher li qed tigi trattata sitwazzjoni ipotetika u l-Qorti qed tigi mitluba sabiex taghti l-pronunzjament taghha mhux fuq fatti esposti quddiema, u fuq ksur attwali ta' drittijiet fundamentali, izda abbazi ta' ipotesi li ma avverawx ruhhom f'dan il-kaz.

Illi dan huwa konsonanti ma dak li ssottometta l-intimat li l-azzjonijiet dwar ksur ta' drittijiet fundamentali jistghu jingiebu biss minn min ikun vittma ta' ksur tad-dritt fundamentali u rrefera ghal zewg decizjonijiet tal-Kummissjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem (li saret referenza ghalihom precedentement) li sostnew dan il-punt.

Illi fil-gurisprudenza nostrana gie kostantement ritenut li:-

*"Huwa ormai pacifiku illi (a) l-interess guridiku ghandu jkun attwali, jigifieri li ghandu jezisti fil-mument li tigi proposta l-azzjoni, u (b) illi l-interess jehtieg li jkun konkret, personali u sussistenti di fronti ghall-konvenut maghzul bhala legittimu kontradittur tad-domanda, ghaliex anke ghall-konvenut l-interess huwa l-mizura tal-eccezzjoni"* ***(Vol.XLI. II. 1051)****.*

Illi r-rekwizit essenzjali ta' l-interess guridiku li jehtieg li jkun attwali gie definit mill-**Mortara** bhala *"la utilita' finale della domanda giudiziale sul tema dell'asserita assistenza e violazione di un diritto"* (**Vol.LXXV.II.386)**.

Illi kif intqal fis-sentenza tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **"Philip Andrew Ransley et vs Emanuel Coleiro et noe"** (29 ta ' Jannar 1997 – Vol.LXXXI.II.250), hu wkoll stabbilit li min jipproponi kawza ghandu jkollu mhux biss interess fl-ezitu taghha, imma dan l-interess ghandu jkun jissussisti fil-konfront tal-konvenut **(Vol.LXXVI.II.246)**. *"Huwa difatti minn dan il-principju tal-kontestazzjoni ta' l-attur fil-konfront tal-konvenut, ta' vjolazzjoni ta' dritt, li*

*tinholoq ir-relazzjoni guridika, li tirradika l-azzjoni kontra l-konvenut u tindikah bhala l-legittimu kontradittur ta' l-attur".*

Illi ntqal ukoll illi l-interess jehtieg biss li jkun ta' natura guridika jigifieri li jkun jikkorispondi ghall-lezjoni ta' dritt u lanqas hu mehtieg li jkun hemm vjolazzjoni ta' dritt vera u proprju, imma hu bizzejjed li l-ezistenza tad-dritt tkun minaccjata **(Vol.XXXVI.II.532)**.

Illi pero' din il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni ta' l-Avukat Generali ghar-rigward tal-lanjanzi l-ohra lamentati mir-rikorrenti dwar l-interess guridiku tieghu biex jipproponi r-rikors odjern u dan ghaliex l-istess rikorrenti qed jilmenta li t-Tribunal ghat-Talbiet Zghar kif imwaqqaf mill-**Kap.380** mhux tribunal indipendenti u mparzjali kif jirrikjedu l-**Kostituzzjoni Maltija** u l-**Konvenzjoni Ewropeja** u dan wkoll ghaliex il-gudikatur appuntat huwa gudikatur *part-time* ghaliex xorta jista' jipprattika l-professjoni tieghu ghalkemm mhux quddiem l-istess Tribunal; m'ghandux *security of tenure* ghax l-appuntament tieghu huwa wiehed ghal perjodu fiss u definit; u ghalkemm l-istess gudikatur ma jistax jippratika quddiem it-Tribunal ghat-Talbiet Zghar pero' l-membri tal-istess ufficcju legali tieghu mhumiex prekluzi li jidhru quddiemu.

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti jekk tali allegazzjonijiet jirrizultaw li huma fondanti fis-sens li jistghu jwasslu sabiex jigi dikjarat li l-istess tribunal ma huwiex indipendenti u imparzjali kif rikjest mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni Ewropeja, jsegwi li r-rikorrent, bhala persuna li ghandu kawza quddiem dan it-tribunal sabiex tiddeciedi dwar id-drittijiet civili tieghu, certament li ghandu interess guridiku fl-istess kawza odjerna, ghaliex huwa dritt fundamentali tieghu li l-kaz tieghu jigi mismugh minn Qorti kif salvagwardata fl-istess Kostituzzjoni u Konvenzjoni Ewropeja u ghalhekk huwa fl-interess tieghu attwali wkoll li jippromwovi din l-azzjoni li tattakka il-mod ta' kif inhu mwaqqaf l-istess tribunal.

Illi huwa anzi ghandu nteress dirett u attwali ghad-decizjoni ta' din il-Qorti fuq ir-rikors promoss anke jekk hemm biss possibilita' li wiehed mid-drittijiet fondamentali jista' fil-futur jigi mittiefes, tant li l-**artikolu 46 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta** jipprovdi illi:-

*"…, kull persuna li tallega li xi wahda mid-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 33 sa 45 (maghdudin) ta' din il-Kostituzzjoni tkun giet, tkun qed tigi jew tkun x'aktarx ser tigi miksura dwarha,..tista',bla hsara ghal kull azzjoni ohra dwar l-istess haga li tkun tista' ssir legalment, titlob lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili ghal rimedju."*

Illi l-**artikolu 4 tal-Kap.319** ukoll juza' l-istess terminologija wzata fil-**Kostituzzjoni** u ghalhekk l-ilment tar-rikorrenti fis-sens premess jinkwadra ruhu taht dawn d-disposizzjonijiet b'dan li l-eccezzjoni ghandha tigi michuda.

**(iv) Konsiderazzjonijiet Legali fuq il-mertu tar-rikors.**

Illi r-rikors odjern gie bbazat fuq l-allegazzjoni li l-**artikolu 4 u 5 tal-Kapitolu 380** huma anti-kostituzzjonali ghaliex jiksru u jmorru kontra d-disposizzjonijiet tal-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u kontra **l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.**

Illi l**-artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta** jghid hekk:-

*"Kull qorti jew awtorita' ohra gudikanti mwaqqfa b'ligi ghad-decizjoni dwar l-ezistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi civili ghandha tkun indipendenti u mparzjali; u meta l-proceduri ghal decizjoni bhal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorita' ohra gudikanti bhal dik, il-kaz ghandu jigi moghti smiegh xieraq gheluq zmien ragonevoli".*

Illi **l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja** jipprovdi illi:-

*"Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u ta' l-obbligi tieghu jew ta' xi akkuza kriminali kontra tieghu kulhadd huwa ntitolat*

*ghal smiegh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u mparzjali mwaqqaf b'ligi. Is-sentenza ghandha tinghata pubblikament izda l-istampa u l-pubbliku jista' jigi eskluz mill-proceduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, ta' l-ordni pubbliku jew tas-sigurta' nazzjonali f'socjeta' demokratika, meta l-interessi ta' minuri jew il-protezzjoni tal-hajja privata tal-partijiet hekk tehtieg, jew sa fejn ikun rigorozament mehtieg, fil-fehma tal-Qorti, f'cirkostanzi specjali meta l-pubblicita' tista' tippregudika l-interessi tal-gustizzja."*

Illi dan l-artikolu jipprovdi ghal dritt generali ta' *"smiegh xieraq"* u numru ta' drittijiet specifici u jelabora aktar drittijiet fir-rigward ta' dawk li jkunu qed jigu akkuzati b'akkuzi kriminali, fosthom ukoll id-dritt ghal tribunal indipendenti u mparzjali mwaqqaf b'ligi.

Illi fis-sentenza **"Domenico Savio Spiteri vs A.G. *et*"** (Rik.Kost.746/00/RCP – P.A. (S.K.) (RCP) 2 ta' Ottubru 2001) inghad li:-

*"Fis-sentenza **"St.Paul's Court Limited vs L-Onor.P.M.et noe"** (Rik. Kost. Nru: 552/96VDG) deciza fis-16 ta' Settembru 1998) l-istess Qorti sostniet li:-*

*Kif tajjeb josservaw l-awturi **Harris, O'Boyle u Warbrick**:-*

*"In contrast with the other more precise guarantees in Article 6(1), the right to a fair hearing has an open-ended, residual quality".*

*Illi dwar l-istess artikolu inghad fis-sentenza **"Kostovski vs The Netherlands"** (20 ta' Novembru 1989. Series A-166 12 EHRR434) li :-*

*"The effect of Article 6(1) is, inter alia, to place the 'tribunal' under a duty to conduct a proper examination of the submissions, arguments and evidence adduced by the parties, without prejudice to its assessment of whether they are relevant to its decision".*

*Illi minkejja dan xorta jista' jinghad li l-elementi kollha ta' dan id-dritt ma jistax jigu definiti a priori u specifikatament stante li l-istess principju hawn kawtelat huwa tassew wiesgha tant li inghad li:-*

*"It is a nebulous concept which absorbs other elements not explicitly mentioned in Article 6 but which are considered essential for deciding whether a fair hearing has occurred on the particular facts of a given case".*

*"The right to a fair hearing requires a court to appreciate impartially all the matters of fact and of law submitted to it by both parties with reference to the particular issue which it is called upon to decide, since, as held by the European Commission, it is not possible to state in the abstact the content of this requirement."* ***("The Right To Be Heard By An Independent and Impartial Tribunal"*** *(1997)* ***Dr. Roberta Gauci LL.D)".***

Inoltre' fil-ktieb **"Article 6 of the European Convention on Human Rights – The Right To A Fair Trial"** ta' ***Andrew Grotrian*** jinghad illi:-

*"The requirement of fairness covers the proceedings as a whole, and not only those in an oral hearing. The question of whether a person has had a 'fair hearing' is thus approached by looking at the whole proceedings, although a particular incident may have a decisive effect."*

Illi ineffetti l-imsemmija awtur jelenka il-principji li jinkorpora fih l-imsemmi **Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja** u dawn jikkonsistu *inter alia f'*:-

*"The most established right added to Article 6(1) is the principle of the equality of arms. This is important to understand the operation of the underlying principle of 'fairness' and although it is not explicitly expressed in Article 6(1) it is necessarily implied. This concept comprises the idea that each party should have an equal opportunity to present his case and that neither party should enjoy any substantial advantage over his opponent. This concept of equality of arms was first*

*mentioned in the* **Neumaister case** *(27/6/1968) and has been a feature of Article 6(1) ever since. The Commission has expressed the principle in respect of both criminal and non-criminal cases and in the context of civil cases between private parties, the Court has said:-*

*"The court agrees with the Commission that as regards litigation involving opposing private interests, equality of arms implies that each party must be afforded a reasonable opportunity to present his case – including his evidence – under conditions that do not place him at a substantial disadvantage vis a vis his opponent."* **("Dombo Beheer BV vs The Netherlands***", 27 ta' Ottubru 1993)".*

*"In criminal cases, this principle of equality of arms overlaps with the specific guarantees in Article 6(3) however it has a wider application than the latter since it applies to all aspects of the proceedings."*

Illi mbaghad hemm drittijiet ohra li johorgu minn dan l-artikolu fosthom il-kuncett ta' *"judicial process",* id-dritt ta' *"an oral hearing";* kif ukoll id-dritt illi d-decizjoni tkun motivata li fis-sentenza kif jirrizulta mis-sentenza **"Francis X. Aquilina vs. L-Avukat Generali et"** (P.A. (S.K.) (RCP) – 30 ta' Mejju 2002) li ghaliha qed issir riferenza u fejn tali principji gew trattati.

Illi *invece* fir-rikors odjern l-enfasi hi fuq ir-rekwizit li jrid ikun hemm *"tribunal independenti u mparzjali mwaqqaf b'ligi"*. Illi fil-kaz **"Le Compte, Van Leuven and Meyere"** (23 ta' Gunju 1981) il-Qorti Ewropeja tenniet li:-

*"According to the Court's case-law (the above-mentioned "**Neumeister jdgt"**,p.44; the **"De Wilde, Ooms & Versyp jdgt"** of 18th June 1971, Series A no.12,p.41, & 78 ; the above-mentioned **"Ringeisen jdgt"**,p.39 & 95), use of the term "tribunal" is warranted only for an organ which satisfies a series of further requirements – independence of the executive and of the parties to the case, duration of its members' term of office, guarantees afforded by its*

*procedure – several of which appear in the text of Art.6 (1) itself.”*

Illi fil-kaz ta’ **“Piersack”** (1 ta’ Ottubru 1982) il-Qorti sabet li kien hemm vjolazzjoni ta’ l-**artikolu 6 (1)** peress li l-imhallef li kien qed jisma’ kawza kriminali qabel kien il-kap tas-servizz tal-prosekuzzjoni li kienet responsabbli ghall-prosekuzzjoni ta’ l-akkuzat. Il-Qorti Ewropeja fir-rigward ta’ tribunal indipendenti qalet li l-Imhallef ghandu jkollu garanziji estensivi biex jissalvagwardjawh minn pressjonijiet esterni. Hija kompliet hekk:-

*“Whilst impartiality denotes absence of prejudice or bias, its existence or otherwise can, notably under Article 6 par.1 of the Convention, be tested in various ways. A distinction can be drawn in this context between a subjective approach, that is endeavouring to ascertain the personal conviction of a given judge in a given case, and an objective approach, that is determining whether he offered guarantees sufficient to exclude any legitimate doubt in this respect.”*

Illi dan kien konfermat fis-sentenza **“Pullar vs United Kingdom”** tal-Qorti Ewropeja deciza fl-10 ta’ Gunju 1996.

Illi fil-kaz ta’ **“Piersack”** intqal ukoll *“…personal impartiality is to be presumed until there is proof to the contrary.”* Il-Qorti Ewropeja kompliet:-

*“However, it is not possible to confine oneself to a purely subjective test. In this area, even appearances may be of a certain importance (see the Delcourt jdgt of 17 Jan.1970, Series A no.11,p.17, para.31). As the Belgian Court of Cassation observed in its judgment of 21 February 1979, any judge in respect of whom a legitimate reason to fear a lack of impartiality must withdraw. What is at stake is the confidence which the courts must inspire in the public in a democratic society.”*

*“It is sufficient to find that the impartiality of the tribunal which had to determine the merits (in the French text :*

*bien-fonde) of the charge was capable of appearing open to doubt.”*

Illi mbaghad fis-sentenza **“Campbell and Fell”** (28 ta’ Gunju 1984) il-Qorti Ewropeja kkummentat illi:-

*“In determining whether a body can be considered to be ‘independent’ - notably of the executive and of the parties to the case (see, inter alia ,the **“Le Compte, Van Leuven and De Meyere jdgt”** of 23rd June 1981, Series A. no.43,p.24, para.55) -, the Court has had regard to the manner of appointment of its members and the duration of their term of office (ibid.,pp. 24-25, para.57), the existence of guarantees against outside pressures (see the **“Piersack jdgt”** of 1 October 1982, Series A. no.53, p.13, para.27) and the question whether the body presents an appearance of independence (see the **“Delcourt jdgt”** of 17 Jan 1970 , Series A no.11, p.17, para.31).”*

Illi jinghad li fil-kaz **“Findlay vs. United Kingdom”** (E.H.R.R. – 25 ta’ Frar 1997), il-Qorti elenkat b’mod car x’inhuma r-rekwiziti sabiex il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li kien hemm smiegh xieraq minn tribunal indipendenti u mparzjali:-

*“(a) The Court recalls that in order to establish whether a tribunal can be considered as “independent”, regard must be had ‘inter alia’ to the manner of appointment of its members and their term of office, the existence of guarantees against outside pressures and the question whether the body presents an appearance of independence”.*

*“(b) As to the question of “impartiality”, there are two aspects to this requirement. First, the tribunal must be subjectively free of personal prejudice or bias. Secondly, it must also be impartial from an objective viewpoint, that is, it must offer sufficient guarantees to exclude any legitimate doubt in this respect”.*

*"(c) The concepts of independence and impartiality are closely linked and the Court will consider them together as they relate to the present case."*

Illi l-Kummissjoni f'dak il-kaz kompliet issostni li f'dawn il-kazijiet anki l-apparenzi jistghu jkunu importanti ghaliex hemm fin-nofs il-fiducja li l-Qorti trid tispira fil-persuna li ghandha proceduri quddiemha u dak li hu decisiv huwa jekk il-biza' ta' l-applikant dwar in-nuqqas ta' imparzjalita` tistax titqies bhala *"oggettivament gustifikabbli"*.

Illi l-Kummissjoni qalet ukoll li *"in certain cases the link between the concepts of independence and objective impartiality are such that if a tribunal fails to offer the requisite guarantees of independence it will not satisfy the test for objective impartiality."*

Illi dan kollu gie konfermat fit-28 ta' Ottubru 1998 fis-sentenza l-ohra tal-Qorti Ewropeja citata mir-rikorenti fl-ismijiet **"Ciraklar vs Turkey".**

Illi jirrizulta b'hekk illi l-interpretazzjoni ta' *"independent and impartial tribunal"* hija pjuttost wiesgha u l-Qorti Ewropeja fl-applikazzjoni taghha, minn dak li rrizulta fil-kazistika Ewropeja applikat dawn il-principji skond ic-cirkostanzi tal-kazijiet li kellha quddiemha.

**(v) Applikazzjoni tal-ligi ghall-kaz *de quo***

Illi din il-Qorti sejra tghaddi biex tara jekk it-Tribunal ghat-Talbiet Zghar huwiex fl-ewwel lok tribunal indipendenti. Illi bhal ma sostnew diversi kazijiet tal-Qorti Ewropeja fl-ewwel lok wiehed irid ihares lejn:-

*"(i) "the manner of appointment of its members and their term of office"; (ii) the existence of guarantees against outside pressures; u (iii) the question whether the body presents an appearance of independence.* Dan sabiex din il-Qorti tiddeciedi jekk it-Tribunal ghat-Talbiet Zghar hux tribunal indipendenti.

Illi dak li din il-Qorti trid tinvestiga dwar l-imparzjalita` ssir referenza ghal dak li ntqal fil-kaz **"Saraiva de Carvalho v. Portugal"** (22 ta' April 1994) fejn il-Qorti Ewropeja ddecidiet illi din trid tigi determinata *"according to a subjective test, that is on the basis of the personal conviction of a particular judge in a given case, and also according to an objective test, that is ascertaining whether the judge offered guarantees sufficient to exclude any legitimate doubt in this respect."*

Illi l-**artikolu 4 (4) u (5)** tal-**Kap.380** li qed jigu attakkati huma s-segwenti:-

*"4 (a) Il-gudikaturi jircievu dik ir-rimunerazzjoni li l-Prim Ministru jista' b'avviz fil-Gazzetta jistabbilixxi u dik ir-rimunerazzjoni ghandha tkun spiza fuq il-Fond Konsolidat; dik ir-rimunerazzjoni m'ghandhiex matul iz-zmien li Gudikatur ikun fil-kariga tigi mibdula bi zvantagg tieghu".*

*(b) Matul iz-zmien tal-hatra taghhom, il-Gudikaturi ghandhom ikunu prekluzi mill-ezercizzju tal-professjoni taghhom f'kazijiet quddiem it-Tribunal".*

*(5) Il-Gudikaturi jinhatru ghal zmien hames snin u, meta jiskadilhom iz-zmien, ma jkunux eligibbli biex jergghu jigu mahtura:*

*Izda jekk il-kariga ta' Gudikatur tkun vakanti jew jekk il-Gudikatur ma jkunx jista' jwettaq il-funzjonijiet tal-kariga, dawk il-funzjonijiet ghandhom isiru minn xi Gudikatur iehor li jkun fil-kariga jew minn xi hadd iehor li jkun kwalifikat li jinhatar bhala Gudikatur hekk kif jista' jigi mahtur biex jagixxi bhala Gudikatur mill-President li jagixxi skond il-parir tal-Prim Ministru. Din il-persuna ghandha tkompli hekk taghmilha ta' Gudikatur ghall-perjodu kollu li jigi mahtur ghalih jew, jekk tali perjodu ma jigix specifikat, sakemm tigi revokata l-hatra tieghu mill-President li jagixxi skond il-parir tal-Prim Ministru."*

Illi dan ifisser li l-gudikatur hu mahtur mill-President ta' Malta fuq parir tal-Prim Ministru. Il-kariga tieghu hija ghal hames (5) snin mhux rinnovabbli. F'dan il-perjodu tal-

kariga tieghu huwa jista' jibqa' jipprattika l-professjoni tieghu izda mhux quddiem it-Tribunal ghat-Talbiet Zghar.

Illi kif jidher evidenti min-nota ta' osservazzjonijiet tar-rikorrent hu jsostni li dawn l-artikoli jivvjolaw id-dritt fundamentali tieghu sancit mill-**artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropeja**. Illi l-argument migjub hu illi l-fatt li l-gudikatur mhux prekluz milli jipprattika l-professjoni tieghu hlief quddiem it-Tribunal ghat-Talbiet Zghar, u li membri tal-istess ufficcju legali tieghu mhux prekluzi milli jidhru quddiemu jista' jaghti lok ghall-kunflitt ta' interessi. Dan ghaliex il-gudikatur li jipprattika go *law firm* se jsib ruhu f'posizzjoni li jkollu l-kumpanniji, li minnhom il-*law firm* tieghu ghandha *r-retainers*, fejn ikunu qed jipprocedu ghall-*per ezempju* krediti dovuti lilhom u b'hekk l-indipendenza tieghu minnha hija ferm dubbjuza.

- ***<u>Gudikatur Part-Time.</u>***

Illi taht dan it-titlu jrid jigi kkunsidrat jekk il-fatt li gudikatur jista' jibqa' jipprattika l-professjoni tieghu liberalment hlief quddiem it-tribunal ixellifx id-dritt tar-rikorrent ghal smiegh xieraq. Inoltre' ma' dan irid jizdied il-fatt li membri tal-istess ufficcju legali tieghu mhux prekluzi li jidhru quddiemu.

Illi l-argument tar-rikorrent hu li l-gudikatur ikollu *retainers* mill-*law firm* li jahdem fiha u minn certi socjetajiet u b'hekk jista' jkun hemm kazijiet fejn il-gudikatur la se jkun indipendenti mill-partijiet u wisq anqas imparzjali.

Illi l-intimati sostnew li l-**Kap.380** ma jippermettix illi gudikant illi ghandu nteress personali jew professjonali f'kaz jiddeciedih. Illi din hija kwistjoni ta' applikazzjoni tal-ligi dwar ir-rikuza u l-astensjonijiet. Infatti **l-Artikolu 5 tal-Kap.380** jaghmel applikabbli d-disposizzjonijiet tal-**Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili** li ghandhom x'jaqsmu ma' l-astensjonijiet minn, u r-rikuzi ta' magistrat u ghas-surroga u t-tqassim ta' dmirijiet fost il-magistrati ghandhom *mutatis mutandis*, japplikaw ghall-gudikaturi. Il-Kodici ta' Etika li jkun japplika ghall-magistrati japplika wkoll ghall-gudikaturi. Illi b'hekk il-kwistjoni dwar jekk

gudikatur jistax jitqies illi ghandu nteress personali jew professjonali f'kawza hi kwistjoni li ghandha tigi determinata abbazi tal-fatti ta' kull kaz partikolari fejn ikun qed jigi allegat illi xi gudikatur mhux imparzjali. Huwa rrefera ghas-sitwazzjoni fl-Ingilterra qabel id-dhul fis-sehh tal-**Human Rights Act 1988**, illi tinkorpora l-**Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem** fid-dritt Ingliz. Imbaghad irrefera wkoll ghas-sentenza tat-3 ta' Dicembru 2001 moghtija mill-High Court of Justice (Chancery Division) fl-ismijiet **"Bank of Credit & Commerce International SA Claimant (In compulsory liquidation) & Munwar Ali Defendants & other former employees of BCCI."** Illi l-Qorti ddecidiet illi l-kwistjoni dwar jekk kawza ircevitx smiegh imparzjali hija wahda li trid tigi deciza b'referenza ghall-fatti partikolari ta' kaz specifiku. Illi minhabba li fir-rikors odjern m'hemmx kwistjoni li xi membru tal-istess ufficcju legali tal-gudikatur hu parti fil-kawza quddiem it-tribunal il-lanjanza f'dan is-sens tar-rikorrent hi rrelevanti. Illi kieku s-sitwazzjoni fil-kawza tar-rikorrent kienet tipprezenta din l-apparenza allura l-lanjanza kienet tkun relevanti u li kieku l-gudikatur irrifjuta li jastjeni r-rikorrent kien ikollu dritt ghal appell.

Illi l-intimati sostnew ukoll illi l-ligi u t-tradizzjoni legali Maltija jinkorporaw is-salvagwardji kollha ta' l-imparzjalita` inkluz l-obbligu tal-gudikant illi jizvela jekk hu ghandux xi nteress jew relazzjoni illi tista' tippregudika l-apparenza ta' l-imparzjalita` tieghu fil-kawza; il-gurament ta' lealta' li ha kif ukoll l-obbligi illi jirrizultaw mill-**Kodici ta' Etika** mahrug mill-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja fit-termini segwenti :-

*"15. Members of the Judiciary shall carry out their duties according to the dictates of their conscience, objectively and without fear, favour or prejudice, and in keeping with the laws and customs of the land."*

*"17. Members of the Judiciary shall conduct themselves, both in Court and outside Court, in such a manner as not to put into doubt their independence and impartiality or the office thet hold."*

*"23. Members of the Judiciary shall not preside over a case in which they know there exists any one of the reasons for being challenged as provided for in the Code of Organization and Civil Procedure or where there exists a manifest danger or prejudice to fair hearing."*

Illi hu importanti li jigi sottolineat li d-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-4 ta' Dicembru 2001 qablu li Dr. Anthony Ellul li huwa l-gudikatur fil-kawza quddiem it-Tribunal mhux assocjat ma' l-ebda difensur tal-partijiet fl-istess kawza. Kwindi t-test suggettiv gie sodisfatt stante li kif gie dejjem ritenut *"Personal impartiality is to be presumed unless there is evidence to the contrary"* (vide **"Pullar vs United Kingdom,** 10 ta' Gunju 1996 ) u fil-kaz odjern ma kien hemm l-ebda allegazzjoni mod iehor.

Illi rrizulta bla ebda dubju li fil-ligi tal-**Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili** jezistu **l-artikoli 733 u 734** li huma applikabbli anki ghall-gudikatur tat-Tribunal ghat-Talbiet Zghar. L-**artikolu 733** jipprovdi li Mhallef (Gudikatur) jista' jigi rrikuzat jew jastjeni milli jippresjedi kawza biss ghal xi wahda mir-ragunijiet imsemmija fl-**Artikolu 734.** Illi dak li hu relevanti fir-rikors odjern huma s-segwenti:-

*" Art. 734(1) : L-Imhallef jista' jigi rrikuzat jew jista' jastjeni ruhu milli joqghod fil-kawza:-*

*(d) (i) jekk ikun ta l-parir tieghu, ittratta quddiem il-qorti jew kiteb dwar il-kawza jew dwar kull haga ohra li ghandha x'taqsam mal-kawza jew tiddependi minnha;*

*(e) jekk hu, jew il-mara tieghu, jew ir-ragel taghha, ikollhom interess dirett jew indirett kif tinqata' l-kawza;*

*(g) jekk l-imhallef jew ir-ragel taghha jew il-mara tieghu jkollhom kawza pendenti kontra xi wahda mill-partijiet fil-kawza jew ikun kreditur jew debitur ta' xi parti fil-kawza b'mod li jista' ragonevolment jaghti lok ta' suspett ta' nteress dirett jew indirett li jista' jinfluwenza l-ezitu tal-kawza."*

Illi wara li l-Qorti rat dawn l-artikoli tasal ghall-konkluzjoni illi ghalkemm ikun ahjar u forsi anke ideali li kieku l-gudikatur kellu jkun *full-time,* anke peress li ma hemm l-ebda dubju li quddiem l-istess Tribunali qed jigu trattati decizjonijiet dwar obbligi u drittijiet civili u l-esistenza u l-estensjoni taghhom, kazi li sa ftit zmien ilu kienu qed jigu trattati minn Gudikatur (Magistrat u qabel anke Imhallef) appuntat skond il-Kostituzzjoni ta' Malta, pero' dan ma jfissirx li l-fatt li l-istess gudikatur hu *part-time* jivvjola b'xi mod jew necessarjament l-**artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropeja** u lanqas l-**artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni.**

Illi dan qed jinghad peress li biex wiehed jasal ghal tali konkluzjoni wiehed irid jiehu in konsiderazzjoni jekk il-biza' tar-rikorrent ghal allegazzjoni ta' nuqqas ta' smiegh xieraq minhabba li allegatament it-tribunal mhux indipendenti u mparzjali hijiex wahda oggettivament gustifikabbli. Fil-kaz u mill-fattispecie tieghu li din il-Qorti ghandha quddiemha ma tistax tasal ghal din il-konkluzjoni.

Illi r-rikorrenti li qed jidher quddiem l-istess Tribunal ghat-Talbiet Zghar kif kompost ghandu protezzjoni mill-ligi ghaliex il-gudikatur jista' jigi dejjem rrikuzat taht id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 734 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili** u ma hemm xejn fl-istess komposizzjoni tal-istess Tribunal li jimpingi kontra l-indipendenza u l-imparzjalita` tal-istess, certament mhux fuq il-bazi ta' dak allegat mir-rikorrenti, anke ghaliex, kif gja gie accenat, l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti ma humiex kollha fattwalment ippruvati, u fejn hemm tali fatti li jissapportaw l-ilment tar-rikorrenti dawn ma jwasslux li jimpingu mill-minimu ta' garanziji provduti skond l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni** u huwa stess jista' jastjeni, u dan dejjem ghar-ragunijiet hemm specifikati, u dan in massima tal-principju li l-gustizzja mhux biss trid issir izda tidher li qeghda ssir. F'kaz li hu jirrifjuta li jastjeni jew li jichad ir-rikuza, apparti l-azzjonijiet legali disponibbli ghall-istess kaz, dejjem hemm possibilita' ta' appell fuq punt ta' ligi fil-Qorti tal-Appell *ai termini* **tal-Artikolu 8 (2) (d) tal-Kap.380** li senjatament jipprovdi dritt f'kazijiet:-

*“(d) meta t-Tribunal ikun b’mod gravi mar kontra d-dettami ta’ l-imparzjalita` u ta’ l-ekwita’ skond il-ligi u dik l-azzjoni tkun ippregudikat il-jeddijiet ta’ min jappella.”.*

Illi ghall-lanjanza ohra tar-rikorrenti li membri tal-istess ufficcju legali, li jahdem fih il-gudikatur, mhux prekluzi milli jidhru quddiemu, jirrizulta li fil-kaz in ezami dan ma huwiex il-kaz, ghaliex id-difensuri tal-partijiet ma humiex prattikanti fl-ufficcju tal-istess gudikatur li kien qed jisma l-kawza odjerna, u biss fuq dan il-punt din il-Qorti thoss li l-azzjoni tar-rikorrenti ma tistax tirnexxi peress li la soggettivament u lanqas oggettivament ma jezisti xi forma ta’ perikolu tant li f’ghajnejn ir-rikorrenti u f’ghajnejn kulhadd, tali sitwazzjoni fil-kawza odjerna lanqas biss tezisti, w allura l-istess rikorrenti lanqas qatt ma jista’ jsofri pregudizzju ghal sitwazzjoni li ghalih hija biss fittizja.

Illi ma jidhirx abbazi tal-premess ghalhekk li dan huwa kaz propizju w idejali sabiex dan il-punt jigi trattat, stante li l-elementi ta’ fatt li fuqhom hija bbazata l-allegazzjoni tar-rikorrenti huma ghal kollox mankanti fil-kawza odjerna u din il-Qorti qed tigi msejjha sabiex taghti rimedju ghal sitwazzjoni li hija attwali u fattwali u mhux biss ipotetika; illi apparti kull rimedju li jista’ jezisti fid-disposizzjonijiet dwar rikuza w astensjoni, din il-Qorti thoss li sa certu punt din il-lamentela kellha titqajjem *se mai* meta jkun hemm proprju kaz attwali fejn is-sitwazzjoni tkun tali u mhux fil-kaz odjern, fejn din l-allegazzjoni u fatt assolutament ma jezistux u lanqas hemm hjiel li f’dan il-kaz dan jista’ jsehh, u din il-Qorti ma ghandhiex tigi wzata sabiex tiddeciedi punti li fil-mument tal-kawza u rikors huma ipotetici, jekk mhux biss akkademici.

Illi bla pregudizzju ghal dan wiehed jista’ wkoll jirreferi ghall-fatt li kull gudikatur hu marbut bil-gurament tal-hatra tieghu u b’normi ta’ Etika. Hu minnu li f’ **“Findlay vs United Kingdom”** (25 ta’ Frar 1997) intqal hekk:-

*“As to the guarantees against outside influence to which the Government refer, the Commission is not satisfied that the requirement to take the oath, important though it may*

*be, could of itself dispel doubts as to a lack of independence of the court-martial.”.*

Illi pero’ c-cirkostanzi ta’ dak il-kaz kienu ferm differenti minn dak odjern ghax il-membri kollha tal-Qorti Marzjali kienu subordinati fil-grad ghall-*convening officer* li kien l-ufficjal responsabbli biex ighajjat il-Qorti Marzjali, jappunta l-partecipanti, u jikkonferma s-sentenza. Fi kwalunkwe kaz din id-decizjoni ghandha tinghata sewwa u proprja f’kazi fejn tali lamentela tkun attwali u mhux biss argumentazzjoni li ma hijiex sostanzjata bir-rejalta’ w allura f’dan il-kaz *ut sic* dan l-ilment huwa nfondat ghal kollox fil-fatt, ghaliex lanqas biss hemm allegazzjoni li l-gudikatur huwa suggett ghal xi forma ta’ kontroll jew influwenza, u dan apparti li kull kontroll fuq l-istess huwa prekluz minhabba d-disposizzjoni tal-**artikolu 4 (6) tal-Kap 380** u dak stipulat b’riferenza ghall-**artikolu 97 (2) tal-Kostituzzjoni.**

Illi anke peress li l-artikoli lamentati mir-rikorrenti ghandhom jigu ezaminati fil-kuntest tal-Att kostwittiv tal-istess Tribunal huwa opportun li f’dan il-kuntest il-Qorti tirreferi wkoll ghal diversi salvagwardji li hemm fl-istess **Kap 380 tal-Ligijiet ta’ Malta** sabiex jassigura l-indipendenza u l-imparzjalita` tal-gudikatur fl-istess Tribunal in ezami fosthom li l-istess gudikaturi huma prekluzi mill-ezercizzju tal-professjoni taghhom f’kazijiet quddiem it-Tribunal matul iz-zmien tal-hatra skond **l-artikolu 4 (4) (a);** li l-gudikaturi huma appuntati ghal zmien ta’ hames (5) snin u ma humiex eligibbli li jergghu jkunu mahtura skond l-**artikolu 4 (5);** li fl-ezercizzju tal-funzjonijiet taghhom skond l-istess Att, huwa jew huma ma jkunux soggetti ghal kontrol jew id-direzzjoni ta’ xi persuna jew awtorita’ ohra u li l-istess gudikatur ma jistax jitnehha mill-kariga tieghu hlief bil-mod u kif provdut fl-**artikolu 97 (2) tal-Kostituzzjoni** skond l-**artikolu 4 (6) tal-Kap 380;** li d-disposizzjonijiet dwar astensjonijiet, rikuza surrogi u tqassim tad-dmirijiet tal-magistrati skond il-**Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili** japplikaw ghall-istess gudikanti skond kif stipulat fl-**artikolu 5 tal-istess Kap 380;** li hemm appell minn decizjoni tat-Tribunal lill-Qorti tal-Appell komposta minn Imhallef

wiehed ghalkemm l-istess appell huwa limitat kif provdut fl-**artikolu 8 tal-Kap 380;** li fis-smiegh tal-kaz l-istess gudikatur ghandu josserva id-dettami tal-gustizzja naturali li jiggarantixxu smiegh xieraq skond dak stipulat fl-**artikolu 9 tal-istess Att V tal-1995.**

Illi b'hekk meta dawn is-salvagwardji jittiehdu kollha f'daqqa jirrizulta li oggettivament il-biza' tal-individwu u tar-rikorrenti mhiex gustifikabbli ghax hemm bizzejjed protezzjoni sabiex ma jigux ivvjolati d-drittijiet fundamentali tieghu u sabiex fil-kuntest ta' kif inhu kompost l-istess Tribunal u kif il-gudikaturi huma appuntati, nkluz il-hatra taghhom u r-regolamenti li jigu in vigore tul il-permanenza taghhom fl-istess kariga sabiex jigi garantit *due process of law,* skond il-minimu stabbilit mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni Ewropeja. Illi fl-ahhar mill-ahhar ma hemm l-ebda dubju li l-integrita' tal-gudikatur hi vitali ghall kul tip ta' Tribunal jew Qorti, ghaliex ghalkemm forsi jistghu jqumu aktar sitwazzjonijiet fejn il-gudikatur ikollu jastjeni jew jirrikuza ruhu minhabba li hu jibqa' jipprattika l-professjoni legali tieghu, pero' certu sitwazzjonijiet ta' kunflitt ta' nteress jistghu jinqalghu anki quddiem Qorti kif komposta mill-Kostituzzjoni ta' Malta.

Illi pero' n-necessita' ta' Qorti hekk kostitwita ma hijiex element essenzjali skond il-provedimenti tal-**artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni** tant li *"ghad-decizjoni dwar l-ezistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi civili ohra"* huwa bizzejjed li dawn jigu determinati mhux biss minn Qorti izda anke minn *"awtorita' ohra",* u ghalhekk ghalkemm l-istess Tribunal ma huwiex Qorti xorta ma jistax jinghad li hemm ghalhekk ksur tal-**artikolu 39 (2).** Jekk din hijiex is-sitwazzjoni mixtieqa jew idejali ma huwiex ghal din il-Qorti biex tiddeciedi, stante li l-parametri tad-decizjoni taghha huma gustament limitati minn dak li tipprovdi l-ligi u fuq kollox il-Kostituzzjoni, u dan jista' jirreferi wkoll ghal disposizzjonijiet ohra tal-istess **Kap 380** fosthom li d-decizjoni skond l-**artikolu 7,** anke jekk titratta dwar drittijiet u obbligi civili tigi bbazata *"principalment skond l-ekwita`",* pero' dan ma huwiex il-mertu tal-procedura odjerna.

Illi huwa veru wkoll li hemm differenza bejn il-posizzjoni ta' Magistrat u Imhallef li huma marbuta b'dak li jipprovdi l-**artikolu 16 tal-Kap 12,** u ghalhekk l-istess gudikanti jkunu abbandunaw il-prattika taghhom filwaqt li gudikatur hekk appuntat skond l-istess **Kap 380** ikun ghadu jahdem mal-istess ufficcju, pero' ghalkemm b'dan ifisser li s-salvagwardji ghall-imparzjalita` tal-istess gudikanti gew b'xi mod imnaqqsa, fl-istat tal-Kostituzzjoni odjerna u fuq l-iskorta tal-artikoli appositi tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-gurisprudenza u l-prattici llum ezercitati w applikabbli, dan ma jfissirx li hemm ksur tal-istess artikoli citati mir-rikorrenti ghar-ragunijiet fuq esposti, anke jekk forsi kien ahjar kieku kien mod iehor.

Illi din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghal dak li ntqal fis-sentenza tal-*Court of Session* Skocciza fl-ismijiet **"Paul Clancy vs Robin Dempsey Caird"** ghax il-fatti tal-kaz huma simili ghal dawk fir-rikors promotur, u din il-Qorti kif presjeduta, u dan fl-isfond tas-sitwazzjoni legali attwali, taqbel ma' dak li ntqal:-

*"If, however, a judge finds himself in a position where he considers that there is a possible conflict of interest it is his duty to disclose that possible conflict to the parties in the case and to propone declinature. Obviously this depends on the integrity of the particular judge in making the necessary disclosure. Where, however, there is no reason to doubt the personal integrity of the particular judge, in my view there is no reason not to place reliance on that integrity to make the necessary disclosure. This is not a problem which is confined to temporary judges. Permanent judges also may find themselves in a position where they feel it necessary to make disclosure of some factor which might be regarded as being a possible influence on their decision, but it has never been suggested that reliance on the personal integrity of permanent judges in some way incapacitates the permanent judge from being regarded as impartial."*

- ***Security of Tenure u t-Tnehhija tal-Gudikatur.***

Illi fir-rigward tal-hatra tal-gudikatur m'hemm xejn fl-opinjoni ta' din il-Qorti, li jmur kontra d-drittijiet fundamentali stante li ssir bl-istess mod ta' kif jinhatar Magistrat jew Imhallef. Illi ta' min isemmi illi fil-kaz precitat ta' **"Campbell & Fell"** fejn il-membri tal-Bord tal-habs tal-Vizitaturi kienu appuntati mill-Home Secretary, li hu responsabbli ghall-amministrazzjoni tal-habsijiet fl-Ingilterra u Wales, il-Qorti Ewropeja sostniet li:-

*"The Court does not consider that this establishes that the members are not independent of the Executive: to hold otherwise would mean that judges appointed by or on the advice of a Minister having resposibilities in the field of the administration of the courts were also not independent."*

Illi dak li huwa vitali huwa illi waqt il-perjodu tal-kariga tieghu huwa ma jkollux *"outside and external pressures"* li jinfluwenzawh fid-doveri tieghu. Illi fl-ewwel lok **l-Artikolu 4(6) tal-Kap.380** ighid li:-

*"Fl-ezercizzju tal-funzjonijiet tieghu skond dan l-Att, gudikatur ma jkunx suggett ghall-kontroll jew id-direzzjoni ta' xi persuna jew awtorita' ohra. Gudikatur ma jistax jitnehha mill-kariga tieghu hlief bil-mod u ghar-ragunijiet li hemm provdut dwarhom fl-artikolu 97(2) tal-Kostituzzjoni, u kull ligi jew regolament li jsir b'mod konformi ma' l-artikolu 97(3) tal-Kostituzzjoni ghall-finijiet ta' l-artikolu 97(2) taghha ghandhom ikunu japplikaw mutatis mutandis ghall-procedura ta' ghemil ta' indirizz u ta' l-investigazzjoni u l-prova ta' l-inkapacita' jew imgieba hazina ta' gudikatur skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu."*

Illi minn dan l-artikolu johrog car li l-gudikatur jista' jitnehha biss skond kif hemm provdut fl-**artikolu 97(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u b'hekk mhux kif jidhirlu l-Ministru koncernat jew l-Esekuttiv u allura huwa ghal kollox indipendenti mill-Esekuttiv u ovvjament mill-partijiet fil-kawza.

Illi pero' r-rikorrent jargumenta li minhabba li l-gudikaturi ta' dan it-tribunal ma gewx inkluzi fl-istess artikolu tal-Kostituzzjoni wiehed ma jistax jekwipara s-sitwazzjoni ta'

gudikatur tat-Tribunal ghat-Talbiet Zghar ma' Mhallef jew Magistrat. Illi fil-**Kap 380** hemm biss *cross-reference* ghall-Kostituzzjoni li tista' tinbidel b'maggoranza semplici fil-Parlament ghax il-**Kap 380** hija ligi semplici, mhux bhall-Kostituzzjoni, u b'hekk il-posizzjoni tal-gudikaturi ghar-rigward tat-tnehhija tista' tinbidel radikalment.

Illi kif qalu tajjeb l-intimati, u kif din il-Qorti gja accennat ghaliha iktar il-fuq, m'hemm l-ebda rekwizit li l-ligi li tistabbilixxi li t-tribunali jew awtoritajiet ohra li jiddeterminaw drittijiet u obbligi civili ma tkunx emendabbli jew tkun emendata biss b'xi maggoranza kwalifikata. Infatti, kif ighidu ***P. van Dijk & G.J.H. Van Hoof*** fil-ktieb **"Theory & Practice of the European Court of Human Rights."** (3rd Ed. –1990):-

*"For the independence it is not required that the judges have been appointed for life, provided that they cannot be discharged at will or on improper grounds by the authorities."*

*"In the Reingeisten Case the Court held that the Regional Commission could be regarded as as 'tribunal' as it was 'independent of the executive and also of the parties'. The latter element, however, referes in fact not to the independence but to the required impartiality of the court. The Court added that the members of the Regional Commission had been appointed for five years and the proceedings before it did offer the necessary guarantees. A comparable line of reasoning was developed in the Lnagborger Case:*

*In order to establish whether a body can be considered 'independent' regard must be had 'inter alia' to the manner of appointment of its members and their term of office, to the existence of guarantees against outside pressures and to the question whether the body presents an appearance of independence".* (22 ta' Lulju 1989) (pg. 452).

Illi b'hekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li sakemm il-kariga ta' gudikatur ma tistax tintemm kapricozament u

skond kif jiddeciedi l-Ezekuttiv imma hemm procedura li trid tigi segwita allura hemm salvagwardji idoneji minn pressjonijiet esterni u ghalhekk indipendenza mill-esekuttiv, certament f'dak li ghandu x'jaqsam mal-funzjoni ta' gudikatur fl-istess Tribunal. Illi jinghad ukoll li din il-Qorti hi mistiedna biex tara kif inhi l-ligi llum u mhux kif possibilment tista' xi darba tinbidel. Jinghad ukoll illi l-fatt li l-hatra mhiex rinnovabbli u dan ironikament u fil-kumpless tad-disposizzjonijiet l-ohra kollha tal-istess **Kap 380,** li dawk rilevanti ghad-determinazzjoni tal-kaz odjern gew kollha indikati iktar il-fuq, ikompli jissalvagwardja s-sistema ghax gudikatur m'ghandux ghalfejn jinghogob mal-Gvern jew ma' nies influwenti ohra sabiex jerga' jinhatar ghax il-ligi ma thalli l-ebda dubju li l-kariga ma hijiex rinnovabbli.

Illi kif gja inghad, hu minnu li idejalment gudikatur ghandu jinhatar b'mod permanenti u *full-time "ad vitam aut culpam".* Izda huwa rikonoxxut, u dan anke fil-ligi taghna stess, li hemm il-limitu ta' l-eta' sakemm Imhallef u Magistrat jista' jibqa' jippresjedi u tali limiti m'humiex meqjusa li jeffettwaw l-indipendenza. Illi kif intqal f' **"Zand vs Austria"** (1978):- *"The irremoveability of judges during their term of office, whether it be for a limited period of time or for life time, is a necessary corollary of their independence".*

Illi anki l-Imhallfin fil-Qorti Ewropeja jinhatru ghall-perjodu fiss bejn 3 u 9 snin. Illi b'hekk f' **"Paul Clancy vs Robin Dempsey Caird"** (4/4/2000 – Lord Sutherland – Court of Session, Scotland) l-Imhallef qal:-

*"Accordingly, it appears to me clear that there can be no objection per se to the appointment of judges for a fixed term, provided that during that period there is security of tenure which guarantees against interference by the Executive in a discretionary or arbitrary manner."*

Illi bhala salvagwardja wkoll il-gudikaturi jircievu r-rimunerazzjoni li l-Prim Ministru jista' b'avviz fil-Gazzetta tal-Gvern jistabbilixxi, liema rimunerazzjoni hi mhallsa mill-Fond Konsolidat u din ir-rimunerazzjoni m'ghandhiex

matul iz-zmien li gudikatur ikun fil-kariga tigi mibdula bi zvantagg tieghu (**artikolu 4 (a)**). Din tixtiebah ma dak li l-Kostituzzjoni tipprovdi fl-**artikolu 107** vis-à-vis l-Imhallfin u l-Magistrati.

Illi mbaghad hemm il-kwistjoni li l-ligi tipprovdi illi meta l-kariga ta’ gudikatur tkun vakanti jew xi gudikatur partikolari ma jistax jezercita l-funzjonijiet tieghu, il-President ta’ Malta fuq parir tal-Prim Ministru jista’ jahtar lil xi hadd iehor illi jkun kwalifikat illi jimla dan il-post vakanti ghal perjodu specifikat jew inkella ghal perjodu indefinit.

Illi r-rikorrent issostni li dan inaqqar mill-indipendenza tat-Tribunal ghax il-gudikatur jista’ jzomm il-kariga sakemm il-Gvern jidhirlu konvenjenti ghalih. Illi pero’ din il-Qorti hawn ukoll taqbel ma dak li sostnew l-intimati fin-nota ta’ osservazzjonijiet taghhom, u cjoe’ li dan l-artikolu hu mmirat lejn il-kontinwazzjoni tas-servizz gudizzjarju u b’hekk hu kaz straordinarju, ghalkemm bhal ilmenti ohra mressqa mir-rikorrenti, dan ma jirrizultax li gara fil-kaz odjern, u lanqas jidher li jista’ jigri fil-mori tal-kawza li l-istess rikorrenti ghandu pendenti quddiem l-istess Tribunal tat-Talbiet Zghar.

Illi l-kaz ta’ **“Dr.Tonio Azzopardi vs Onor.Prim Ministru”** (4 ta’ Novembru 1992) il-kwistjoni principali ma kienitx bhal dik odjerna izda kienet dwar jekk il-Gvern setax jahtar Agenti Mhallfin f’sitwazzjoni fejn ma kien hemm ebda Mhallef li rrezenja jew irtira izda biss biex il-Gvern izid in-numru ta’ Mhallfin fil-Qorti tal-Appell temporanjament sakemm jinqata’ certu *backlog* ta’ kawzi, u dan ukoll sabiex jippresjedu fi Qrati vera u proprji kostitwieti u rikonoxxuti bil-Kostituzzjoni ta’ Malta.

Illi fil-kaz odjern il-kwistjoni hi li f’kaz li jkun hemm post vakanti ghalkemm il-President jista’ jahtar gudikatur ghal perjodu ndefinit dan ovvjament xorta ma jistax jinhatar ghal aktar minn hames (5) snin u inoltre’ japplikaw ir-regoli u s-salvagwardji li kienu msemmija precedentement, ghalkemm wiehed hawn qed jitlkellem dwar tribunal u mhux iktar Qorti, fis-sens fuq indikat. Kwindi lanqas dan ma jivvjola d-dritt fundamentali tar-rikorrent kif

minimament rikjesti *ai termini* ta' **l-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropeja .**

- ***Garanziji Kostituzzjonali***

Illi ghal dak li jirrigwarda l-garanziji kostituzzjonali m'hemm l-ebda dubju u l-ebda kontestazzjoni li t-Tribunal ghat-Talbiet Zghar igawdi mis-salvagwardji kollha li tipprovdi l-Kostituzzjoni almenu f'dak li gie hawn ezaminat u li huwa rejali ghall-kaz odjern fis-sens ta' livell ta' *due process of law* rikjesta, u dan anke meta ezaminati l-ilmenti tar-rikorrenti fl-isfond ta' dak kollu li jipprovdi il-**Kap 380**.

Illi kif diga' inghad f'dan il-kaz ma kienx hemm kwistjoni ta' pregudizzju personali. Illi punt importanti u fundamentali hu li *"justice should not only be done but should manifestly and undoubtedly be seen to be done"* (**The Law of Human Rights – *R. Clayton & H.Tomlinson*** [2000]). Illi tenut kont li kaz irid jigi deciz skond ic-cirkostanzi u l-fatti tieghu ma jirrizultax li meta tiehu c-cirkostanzi kollha in konsiderazzjoni wiehed jista' jikkonkludi li gustizzja mhux ser issir. Hemm is-salvagwardji kollha li l-kazistika Ewropeja, u kif din il-Qorti semmiet precedentement, elenkat sabiex ikun hemm tribunal indipendenti u mparzjali u li jaghti smiegh xieraq lic-cittadin.

- ***Rigward il-Kjamata in Kawza.***

Illi s-socjeta' Citadel Insurance p.l.c. eccepiet illi mhiex il-legittima kontradittrici ghat-talbiet rikorrenti. Illi din il-Qorti ma taqbilx ma' tali sottomissjoni ghax in effetti fil-kawza quddiem it-Tribunal ghat-Talbiet Zghar qeghda l-attrici, u r-rizultat ta' dan ir-rikors jikkoncernaha direttament, u dan kif gja gie spjegat iktar il-fuq. Illi pero' taqbel mas-sottomissjoni li l-istess kjamata fil-kawza m'ghandha tbati l-ebda spejjez, ghaliex il-presenza taghha kienet necessarja anke ghall-integrita' tal-gudizzju.

Illi ghal dawn ir-ragunijiet fuq premessi din il-Qorti tichad ir-rikors odjern.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimati u *in parte* tal-kjamata in kawza, u tillibera lill-Prim Ministru mill-osservanza tal-gudizzju, **tichad it-talba tar-rikorrenti kontenuta fir-rikors tieghu tat-23 ta' Novembru 2001** stante li huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjez kollha inkluzi tal-kjamata fil-kawza kontra l-istess rikorrent.

**Moqrija.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------